

Brussell, 26 ta' Frar 2018
(OR. en)

6386/18

COARM 64
CFSP/PESC 165

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	26 ta' Frar 2018
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 6858/17 COARM 84 CFSP/PESC 205	
Suġġett:	Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness I-Lista Militari Komuni Aġġornata tal-Unjoni Ewropea (tagħmir kopert mill-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK li tiddefinixxi regoli komuni li jirregolaw il-kontroll ta' esportazzjonijiet ta' teknoloġija u tagħmir militari), adottata mill-Kunsill fit-3598 laqgħa tiegħu tas-26 ta' Frar 2018.

ABBOZZ TA' LISTA MILITARI KOMUNI TAL-UNJONI EWROPEA
(adottat mill-Kunsill fis-26 ta' Frar 2018)

(tagħmir kopert mill-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK li tiddefinixxi regoli komuni li jirregolaw il-kontroll ta' esportazzjonijiet ta' teknoloġija u tagħmir militari)
(aġġornament u sostituzzjoni tal-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea
adottata mill-Kunsill fis-6 ta' Marzu 2017)
(PESK)

Nota 1 *Termini fil-"virgoletti" huma termini definiti. Irreferi għal 'Definizzjonijiet ta' Termini użati f'din il-Lista' annessa għal din il-Lista.*

Nota 2 *F'xi każijiet is-sustanzi kimiċi huma elenkati bl-isem u n-numru CAS. Il-lista tapplika għal sustanzi kimiċi tal-istess formula strutturali (inklużi l-idrati) irrispettivament mill-isem jew min-numru CAS. In-numri CAS jintwerew biex jassistu fl-identifikazzjoni ta' kimika jew taħlita partikolari, irrispettivament min-nomenklatura. In-numri CAS ma jistgħux jintużaw bħala identifikaturi uniċi minħabba li xi forom tal-kimika elenkata għandhom numri CAS differenti, u taħlitiet li jkollhom kimika elenkata jista' jkollhom ukoll numri CAS differenti.*

ML1	Armi b'kanna lixxa b'kalibru ta' inqas minn 20 mm, armamenti oħra u armi awtomatiċi b'kalibru ta' 12.7 mm (kalibru 0.50 pulzier) jew inqas u aċċessorji, kif ġej, u komponenti ddisinjati apposta għalihom: <i>Nota ML1. ma japplikax għal:</i> a. <i>Armi tan-nar iddisinjati apposta għal munizzjon inert u li mhumix kapaċi jisparaw projettili;</i> b. <i>Armi tan-nar iddisinjati apposta biex iwaddbu projettili marbuta mingħajr karga splussiva qawwija jew kollegament ta' komunikazzjoni, għal distanza mhux inqas minn jew ekwivalenti għal 500 m;</i> c. <i>Armi li jużaw munizzjon fi skartoċ li ma jisparax miċ-ċentru u li mhumix tat-tip ta' sparar kompletament awtomatiku;</i> d. <i>"Armi tan-nar diżattivati".</i> a. Azzarini u pistoli kkumbinati, pistoli tal-idejn, mitraljatriċi, sub-mitraljatriċi u volley guns; <i>Nota ML1.a. ma japplikax għal dan li ġej:</i> a. <i>Azzarini u pistoli kkumbinati, manifatturati qabel l-1938;</i> b. <i>Riproduzzjonijiet ta' rajfils u pistoli kkumbinati, li l-oriġinali tagħhom kienu manifatturati qabel l-1890;</i> c. <i>Pistoli tal-idejn, volley guns u machine guns manifatturati qabel l-1890, u r-riproduzzjonijiet tagħhom;</i> d. <i>Azzarini jew pistoli tal-idejn, iddisinjati apposta biex jisparaw projettili inert permezz ta' arja kkumpressa jew CO₂.</i> b. Armi b'kanna lixxa kif ġej: 1. Armi b'kanna lixxa ddisinjati apposta għall-użu militari; 2. Armi b'kanna lixxa oħrajn kif ġej: a. Armi tat-tip awtomatiku;
-----	--

		b. Armi tat-tip semi-awtomatiku jew b'azzjoni-pompa; <u>Nota</u> <i>ML1.b.2. ma japplikax għal armi ddisinjati apposta biex jisparaw projettili inertji permezz ta' arja kkumpressata jew CO2.</i> <u>Nota</u> <i>ML1.b. ma japplikax għal dawn li ġejjin:</i> a. <i>Armi b'kanna lixxa manifatturati qabel l-1938;</i> b. <i>Riproduzzjonijiet ta' armi b'kanna lixxa, li l-oriġinali tagħhom kienu manifatturati qabel l-1890;</i> c. <i>Armi b'kanna lixxa użati għal skopijiet ta' kaċċa jew sport. Dawn l-armi ma jridux ikunu ddisinjati apposta għall-użu militari jew tat-tip ta' sparar kompletament awtomatiku;</i> d. <i>Armi b'kanna lixxa ddisinjati apposta għal kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:</i> <i>1. Qtil ta' annimali domestiċi;</i> <i>2. Trankwilizzar tal-annimali;</i> <i>3. Testijiet sismiċi;</i> <i>4. Sparar ta' projettili industrijali; jew</i> <i>5. Strumenti Splussivi Improvizzati (IEDs) ta' Tfixkil.</i> <u>N.B.</u> <i>Għal strumenti ta' tfixkil, ara ML4. u l-entrata 1A006 dwar il-Lista tal-UE ta' Użu Doppju.</i>
--	--	--

	c. Armi li jużaw munizzjon mingħajr skartoċċ; d. Aċċessorji ddisinjati għall-armamenti speċifikati minn ML1.a., ML1.b. jew ML1.c., kif ġej: 1. Kompartimenti għall-kartriġis li jinqalgħu; 2. Suppressuri jew moderaturi tal-ħoss; 3. Muntaturi speċjali tal-ixkubetti; 4. Suppressuri tal-flash; 5. Apparat ta' mira ottiku b'ipproċessar elettroniku tal-immaġni; 6. Apparat ta' mira ottiku ddisinjat apposta għall-użu militari;
--	---

ML2	Armi b'kanna lixxa b'kalibru ta' 20 mm jew aktar, armi jew armament oħra b'kalibru akbar minn 12.7 mm (kalibru ta' 0.50 pulzier), projetturi u aċċessorji, kif ġej, u komponenti ddisinjati apposta għalihom: a. Xkubetti, howitzers, kanuni, kanuni tat-tip mortar, armi ta' kontra t-tankijiet tal-gwerra, armi li jisparaw projettili, kanuni tal-fjammi militari, azzarini, azzarini mingħajr imbuttatura wara l-isparatura, armi biċ-ċilindru lixx u tagħmir tagħhom għat-trażżin tas-senjatura; <i><u>Nota 1</u> ML2.a. jinkludi injetturi, apparati tal-metering, tankijiet tal-ħażna u komponenti oħra ddisinjati apposta għall-użu b'kargi propellanti likwidi għal kwalunkwe mit-tagħmir speċifikat minn ML2.a.</i> <i><u>Nota 2</u> ML2.a. ma japplikax għal armi kif ġej:</i> <i>a. Azzarini, armi b'kanna lixxa u pistoli kkumbinati, manifatturati qabel l-1938;</i> <i>b. Riproduzzjonijiet ta' azzarini, armi b'kanna lixxa u pistoli kkumbinati, li l-oriġinali tagħhom kienu manifatturati qabel l-1890;</i> <i>c. Xkubetti, howitzers, kanuni u kanuni tat-tip mortar, manifatturati qabel l-1890;</i> <i>d. Armi b'kanna lixxa użati għal skopijiet ta' kaċċa jew sport. Dawn l-armi ma jridux ikunu ddisinjati apposta għall-użu militari jew tat-tip ta' sparar kompletament awtomatiku;</i>
-----	---

		<i>e. Armi b'kanna lixxa ddisinjati apposta għal kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:</i> <i>1. Qtil ta' annimali domestiċi;</i> <i>2. Trankwilizzar tal-annimali;</i> <i>3. Testijiet sismiċi;</i> <i>4. Sparar ta' proġettili industrijali; <u>jew</u></i> <i>5. Strumenti Splussivi Improvizzati (IEDs) ta' Tfixkil;</i> <i><u>N.B.</u> Għal strumenti ta' tfixkil, ara ML4. u l-entrata 1A006 fil-Lista tal-UE ta' Użu Doppju.</i> <i>f. Lanċaturi manwali ta' proġettili ddisinjati apposta biex iwaddbu proġettili marbuta mingħajr karga splussiva qawwija jew kollegament ta' komunikazzjoni, fuq distanza ta' inqas minn jew ekwivalenti għal 500 m.</i> b. Proġetturi jew ġeneraturi ta' duħħan, gass u pirotekniċi, iddisinjati jew modifikati apposta għall-użu militari; <i><u>Nota</u> ML2.b. ma japplikax għal pistoli tas-sinjal.</i> c. Apparat ta' mira u muntaturi għall-apparat ta' mira, li għandhom dan kollu li ġej: <i>1. Iddisinjati apposta għall-użu militari; <u>u</u></i> <i>2. Iddisinjat apposta għal armi speċifikati f'ML2.a.;</i> d. Muntaturi u kompartimenti għall-kartriġis li jinqalgħu minn mal-arma, iddisinjati apposta għall-armi speċifikati f'ML2.a.
--	--	---

ML3	Munizzjon u apparati tal-issettjar tal-fjus, kif ġej, u komponenti ddisinjati apposta għalihom: a. Munizzjon għall-armi speċifikati minn ML1, ML2 jew ML12; b. Apparati tal-issettjar tal-fjus iddisinjati apposta għal munizzjon speċifikati minn ML3.a. <u>Nota 1</u> <i>Komponenti ddisinjati apposta speċifikati minn ML3 jinkludu:</i> a. <i>Fabbrikazzjonijiet tal-metall jew tal-plastik bħal inkwini tal-kapsa, bullet cups, links tal-kartriġis, faxex li jduru u partijiet tal-metall tal-munizzjon;</i> b. <i>Apparati tas-safing u l-armar, ffusijiet, sensuri u apparati ta' inizjazzjoni;</i> c. <i>Provvisti tal-enerġija b'output operattiv ta' darba waħda għoli;</i> d. <i>Skrataċ kombustibbli għall-ikkargar;</i> e. <i>Submunizzjonijiet inkluż bombi żgħar, mini żgħar u projettili ggwidati terminalment.</i> <u>Nota 2</u> <i>ML3.a. ma japplika għall-ebda wieħed minn dawn li ġejjin:</i> a. <i>Munizzjon irbattut mingħajr projettili (blank star);</i> b. <i>Munizzjon inert ta' istruzzjoni b'kaxxetta mtaqqba;</i> c. <i>Munizzjon ieħor in bjank u inert, li ma jinkludix komponenti ddisinjati għal munizzjon attiv; <u>jew</u></i> d. <i>Komponenti ddisinjati apposta għal munizzjon in bjank jew inert, speċifikati f'din in-Nota 2.a., b. jew c.</i> <u>Nota 3</u> <i>ML3.a. ma japplikax għal kartriġis iddisinjati apposta għal kwalunkwe wieħed mill-finijiet li ġejjin:</i> a. <i>Sinjalar;</i> b. <i>Tbeżżiegħ tal-għasafar; <u>jew</u></i> c. <i>Mixegħla ta' flares tal-gass fi bjar taż-żejt.</i>
-----	--

ML4	Bombi, torpedos, rokits, missili, apparati u kargi splussivi oħra u tagħmir u aċċessorji relatati, kif ġej, u komponenti ddisinjati apposta għalihom: <u>N.B.1:</u> <i>Għal tagħmir ta' gwida u ta' nagivazzjoni, ara ML11.</i> <u>N.B.2:</u> <i>Għal Sistemi ta' Protezzjoni tal-Missili tal-Inġenji tal-Ajru (AMPS), ara ML4.c.</i> a. Bombi, torpedos, granati, kanisters tad-duħħan, rokits, mini, missili, kargi tal-fond, kargi tad-dimolizzjoni, apparati tad-dimolizzjoni, kits tad-dimolizzjoni, apparati "pirotekniċi", kartriġis u simulaturi (jiġifieri, tagħmir li jimita l-karatteristiċi ta' kwalunkwe wieħed minn dawn l-oġġetti), iddisinjat apposta għal użu militari; <u>Nota</u> <i>ML4.a. jinkludi:</i> a. <i>Granati tad-duħħan, bombi tan-nar, bombi inċendjarji u apparati splussivi;</i> b. <i>Nozzles tar-rokits tal-missili u nosetips ta' vettura ta' dħul mill-ġdid.</i> b. Tagħmir li għandu dan kollu li ġej: 1. Iddisinjati apposta għall-użu militari; <u>u</u> 2. Iddisinjat apposta għal 'attivitajiet' relatati ma' kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin: a. Oġġetti speċifikati minn ML4.a; <u>jew</u> b. Strumenti Splussivi Improvizzati (IEDs). <u>Nota Teknika:</u> <i>Għall-fini ta' ML4.b.2. 'attivitajiet' japplikaw għall-ġestjoni, l-isparar, il-pożizzjonament, il-kontroll, id-diżinneskament, id-detonazzjoni, l-attivazzjoni, il-motorizzazzjoni b'output operattiv ta' darba waħda, l-ingann, l-iġġammjar, il-knis, is-sejbien, id-disturb jew ir-rimi.</i>
-----	---

		<u>Nota 1</u> ML4.b. jinkludi: - Tagħmir ta' likwifikazzjoni tal-gass mobbli li kapaċi jipproduċi 1,000 kg jew aktar ta' gass kuljum f'forma likwida; - Kejbil ta' konduzzjoni elettrika li jżomm fil-wiċċ adatt għall-knis ta' mini manjetiċi. <u>Nota 2</u> ML4.b. ma japplikax għal apparti li jinżammu fl-idejn, limitati mid-disinn unikament għas-sejbien ta' oġġetti tal-metall u li mhumie x kapaċi jiddisingwu bejn mini u oġġetti tal-metall oħrajn. c. Sistemi ta' Protezzjoni tal-Inġenji tal-Ajru mill-Missili (AMPS). <u>Nota</u> ML4.c. ma japplikax għal AMPS li għandhom dan kollu li ġej: - Kwalunkwe wieħed mis-sensuri antimissili li ġejjin: - Sensuri passivi li jkollhom l-ogħla rispons bejn 100-400 nm; <u>jew</u> - Sensuri antimissili b'impulsi attivi Doppler; - Sistemi li joħorġu l-kontromiżuri; - Flares, li juru kemm firma viżibbli kif ukoll firma infrared, biex jiddisturbaw missili mill-wiċċ għas-sema; <u>u</u> - Installat fuq "inġenju tal-ajru ċivili" u li għandu dan kollu li ġej: - L-AMPS huma operabbli biss f'"inġenju tal-ajru ċivili" speċifiku li fih ikunu installati l-AMPS speċifiċi u li għalih inħareġ kwalunkwe minn dawn li ġejjin: - Ċertifikat tat-Tip ċivili maħruġ mill-awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili ta' wieħed jew aktar mill-istati membri tal-UE jew Stati Parteċipanti tal-Ftehim ta' Wassenaar; <u>jew</u> - Dokument ekwivalenti rikonoxxut mill-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO); - L-AMPS jużaw protezzjoni biex jipprevjenu aċċess mhux awtorizzat għal "software"; <u>u</u> - L-AMPS jinkorporaw mekkaniżmu attiv li jġiegħel lis-sistema ma tiffunzjonax meta hu jitneħħa mill-"inġenju tal-ajru ċivili" li fih ikun ġie installat.
--	--	---

ML5	Tagħmir għall-kontroll tal-isparar u ta' allert u twissija relatat, u sistemi relatati, tagħmir ta' ttestjar u allinjament u kontromiżura, kif ġej, iddisinjat apposta għall-użu militari, u komponenti u aċċessorji ddisinjati apposta għalihom: a. Apparat ta' mira, kompjuters għall-ibbumbardjar, tagħmir ta' puntament u sistemi għall-kontroll tal-armi; b. Sistemi ta' akkwist, desinjazzjoni, telemetrija, sorveljanza jew insegwiment tal-bersall; tagħmir ta' kxif, ta' fużjoni tad-data, ta' rikonoxximent jew ta' identifikazzjoni; u tagħmir għall-integrazzjoni tas-sensur; c. Tagħmir ta' kontromiżura għall-oġġetti speċifikati minn ML5.a. jew ML5.b.; <u>Nota</u> <i>Għall-finijiet ta' ML5.c., it-tagħmir ta' kontromiżura jinkludi t-tagħmir ta' sejbien.</i> d. Tagħmir ta' test jew ta' allinjament fuq il-post, iddisinjat apposta għall-oġġetti speċifikati minn ML5.a., ML5.b. jew ML5.c.
-----	--

ML6	Vetturi tal-art u komponenti, kif ġej: <u>N.B.</u> <i>Għal tagħmir ta' gwida u ta' nagivazzjoni, ara ML11.</i> a. Vetturi tal-art u komponenti għalihom, iddisinjati jew modifikati apposta għal użu militari; <u>Nota Teknika</u> <i>Għall-finijiet ta' ML6.a. it-terminu vetturi tal-art jinkludi t-trejlers.</i> b. Vetturi oħra tal-art u komponenti, kif ġej: 1. Vetturi li għandhom dan kollu li ġej: a. Manifatturati jew mgħammra b'materjali jew komponenti li jipprovdu protezzjoni ballistika sal-livell III (NIJ 0108.01, Settembru 1985, jew standard nazzjonali komparabbli) jew aħjar; b. Trażmissjoni biex tiġi pprovduta enerġija kemm għar-roti ta' quddiem kif ukoll ta' wara fl-istess ħin, inklużi dawk il-vetturi li jkollhom roti addizzjonali għal skopijiet ta' ġarr ta' tagħbija kemm jekk misjuqa kif ukoll jekk mhux misjuqa; c. Klassi tal-Piż Gross tal-Vettura (Gross Vehicle Weight Rating - GVWR) ta' aktar minn 4,500 kg; <u>u</u> d. Iddisinjati jew modifikati għal użu off-road; 2. Komponenti li għandhom dan kollu li ġej: a. Iddisinjati apposta għal vetturi speċifikati f'ML6.b.1.; <u>u</u> b. Li jipprovdu protezzjoni ballistika sal-livell III (NIJ 0108.01, Settembru 1985, jew standard nazzjonali komparabbli) jew aħjar. <u>N.B.</u> <i>Ara wkoll ML13.a.</i>
-----	--

	<u>Nota 1</u> ML6.a. jinkludi: a. Tankijiet u vetturi armati militari oħra u vetturi militari mgħammra b'muntaturi għall-armamenti jew it-tagħmir għat-tqegħid ta' mini jew l-isparar ta' munizzjon speċifikati minn ML4; b. Vetturi blindati; c. Vetturi amfibi u vetturi tajbin għal ġo l-ilma; d. Vetturi tal-irkupru jew vetturi għall-irmunkar jew għat-trasportazzjoni ta' munizzjon jew sistemi ta' armi u tagħmir assoċjat ta' maniġġar tat-tagħbija. <u>Nota 2</u> Modifika ta' vettura tal-art għall-użu militari speċifikat minn ML6.a. teħtieġ bidla strutturali, elettrika jew mekkanika li tkun tinvolvi komponent wieħed jew aktar iddisinjati apposta għal użu militari. Tali komponenti jinkludu: a. Koperturi ta' tajers pneumatici ta' għamla ddisinjati apposta biex ikunu tajbin kontra l-balal; b. Protezzjoni blindata ta' partijiet vitali (pereżempju, it-tankijiet tal-karburant jew il-kabini tal-vetturi); c. Rinforzi jew muntaturi speċjali għall-armi; d. Illuminazzjoni moħbija. <u>Nota 3</u> ML6 ma japplikax għal vetturi ċivili ddisinjati jew modifikati biex jiġu trasportati flus jew oġġetti ta' valur. <u>Nota 4</u> ML6. ma japplikax għal vetturi li jissodisfaw dan kollu li ġej: a. Ġew manifatturati qabel l-1946; b. Ma għandhomx l-oġġetti speċifikati mil-Lista Militari Komuni tal-UE u manifatturati wara l-1945, minbarra riproduzzjonijiet ta' komponenti oriġinali jew aċċessorji għall-vettura; u c. Ma jinkorporawx armi speċifikati f'ML1., ML2. jew ML4. sakemm ma jkunux inoperabbli u ma jkunux jistgħu jisparaw xi projettili.
--	---

ML7	Aġenti kimiċi, "aġenti bijoloġiċi", "aġenti ta' kontroll ta' rvellijiet", materjali radjuattivi, tagħmir, komponenti u materjali relatati, kif ġej: a. "Aġenti bijoloġiċi" jew materjali radjuattivi, magħżulin jew modifikati sabiex ikunu aktar effettivi biex jipproduċu vittmi umani jew annimali, jiddegradaw tagħmir jew jagħmlu ħsara lill-uċuh tar-raba' jew lill-ambjent; b. Aġenti kimiċi tal-gwerra (CW) inkluż: 1. Aġenti li jattakkaw is-sistema nervuża: a. O-Alkil (daqs jew inqas minn C₁₀, inkluż ċikloalkil) alkil (Metil, Etil, n-Propil jew Isopropil) - fosfonofluworidati, bħal: Sarin (GB):O-Isopropil metilfosfonofluworidat (CAS 107-44-8); <u>u</u> Soman (GD):O-Pinakolil metilfosfonofluworidat (CAS 96-64-0); b. O-Alkil (daqs jew inqas minn C₁₀, inkluż ċikloalkil) N,N-dialkil (Metil, Etil, n-Propil jew Isopropil) fosforamidoċjanidati, bħal: Tabun (GA):O-Etil N,N-dimetilfosforamidoċjanidat (CAS 77-81-6); c. O-Alkil (H jew daqs jew inqas minn C₁₀, inkluż ċikloalkil) S-2-dialkil (Metil, Etil, n-Propil jew Isopropil)-amminoetil alkil (Metil, Etil, n-Propil or Isopropil) fosfonotijolati u mluħa alkilati u protonati korrispondenti, bħal: VX: O-Etil S-2-diisopropilamminoetil metil fosfonotijolat (CAS 50782-69-9);
-----	--

		2. Aġenti viżikanti kimiċi tal-gwerra: a. Mustardi tal-kubrit, bħal: 1. 2-Kloroetilklorometilsulfid (CAS 2625-76-5); 2. Bis(2-kloroetil) sulfid (CAS 505-60-2); 3. Bis(2-kloroetiltijo) metan (CAS 63869-13-6); 4. 1,2-bis (2-kloroetiltijo) etan (CAS 3563-36-8); 5. 1,3-bis (2-kloroetiltijo) -n-propan (CAS 63905-10-2); 6. 1,4-bis (2-kloroetiltijo) -n-butan (CAS 142868-93-7); 7. 1,5-bis (2-kloroetiltijo) -n-pentan (CAS 142868-94-8); 8. Bis (2-kloroetiltijometil) etere (CAS 63918-90-1); 9. Bis (2-kloroetiltijoetil) etere (CAS 63918-89-8); b. Lewisiti, bħalma huma: 1. 2-klorovinildikloroarsin (CAS 541-25-3); 2. Tris (2-klorovinil) arsin (CAS 40334-70-1); 3. Bis (2-klorovinil) kloroarsin (CAS 40334-69-8); c. Mustardi tan-nitroġenu, bħal: 1. HN1: bis (2-kloroetil) etilammina (CAS 538-07-8); 2. HN2: bis (2-kloroetil) metilammina (CAS 51-75-2); 3. HN3: tris (2-kloroetil) ammina (CAS 555-77-1); 3. Aġenti inkapaċitanti għall-gwerra kimika, bħalma huma: a. 3-Kwinuklidinil benzilat (BZ) (CAS 6581-06-2); 4. Aġenti defoljanti għall-gwerra kimika, bħalma huma: a. Butil 2-kloro-4-fluorofenossiaċetat (LNF); b. Aċidu 2,4,5-triklorofenossiaċetiku (CAS 93-76-5) imħallat mal-aċidu 2,4-diklorofenossiaċetiku (CAS 94-75-7) (Aġent Oranġjo (CAS 39277-47-9));
--	--	---

	c. Prekursuri binarji u perkursuri ewlenin għall-gwerra kimika, kif ġej: 1. Alkil (Metil, Etil, n-Propil jew Isopropil) Fosfonil Difluworidi, bħal: DF: Metil Fosfonildifluworid (CAS 676-99-3); 2. O-Alkil (H jew daqs jew inqas minn C₁₀, inkluż ċikloalkil) O-2-dialkil (Metil, Etil, n-Propil jew Isopropil)-amminoetil alkil (Metil, Etil, n-Propil jew Isopropil) fosfoniti u mlieh alkilati u protonati korrispondenti, bħal: QL: O-Etil O-2-di-isopropilamminoetil metilfosfonit (CAS 57856-11-8); 3. Klorosarin: O-Isopropil metilfosfonokloridat (CAS 1445-76-7); 4. Klorosoman: O-Pinakolil metilfosfonokloridat (CAS 7040-57-5); d. "Aġenti għall-kontroll tal-irvellijiet", sustanzi kimiċi kostitwenti attivi u taħlitiet tagħhom, inkluż: 1. α-Bromobenżeneaċetonitril, (Bromobenżil ċjanid) (CA) (CAS 5798-79-8); 2. [(2-klorofenil) metilen] propandinitril, (o-Klorobenżilidenemalononitril (CS) (CAS 2698-41-1); 3. 2-Kloro-1-feniletanon, Klorur ta' fenilaċil (ω-kloroaċetofenon) (CN) (CAS 532-27-4); 4. Dibenż-(b,f)-1,4-ossazefin, (CR) (CAS 257-07-8); 5. 10-Kloro-5,10-diidrofenaarsažin, (Klorur ta' fenarsažin), (Adamsit), (DM) (CAS 578-94-9); 6. N-Nonanoilmorfolin, (MPA) (CAS 5299-64-9);
--	---

		<u>Nota 1</u> <i>ML7.d ma japplikax għal "aġenti għall-kontroll tal-irvellijiet" ippakkjati b'mod individwali għal finijiet ta' difiża personali.</i> <u>Nota 2</u> <i>ML7.d. ma japplikax għal sustanzi kimiċi kostitwenti attivi, u taħlitiet tagħhom, identifikati u ppakkjati għall-produzzjoni tal-ikel jew finijiet mediċi.</i> e. Tagħmir iddisinjat jew modifikat apposta għall-użu militari, iddisinjat jew modifikat għad-disseminazzjoni ta' kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin, u komponenti ddisinjati apposta għalihom: 1. Materjali jew aġenti speċifikati minn ML7.a., ML7.b. jew ML 7d.; <u>jew</u> 2. Aġenti kimiċi tal-gwerra magħmula minn prekursori speċifikati minn ML7.c.; f. Tagħmir protettiv u ta' dekontaminazzjoni, iddisinjati jew modifikati apposta għal użu militari, komponenti u taħlitiet ta' sustanzi kimiċi kif ġej: 1. Tagħmir, iddisinjat jew modifikat għad-difiża kontra materjali speċifikati minn ML7.a., ML7.b. jew ML7.d., u komponenti ddisinjati apposta għal dan; 2. Tagħmir, iddisinjat jew modifikat għad-dekontaminazzjoni ta' oġġetti kkontaminati b'materjali speċifikati minn ML7.a. jew ML7.b., u komponenti ddisinjati apposta għal dan; 3. Taħlitiet kimiċi żviluppati jew ifformulati apposta għad-dekontaminazzjoni ta' oġġetti kontaminati minn materjali speċifikati minn ML7.a. jew ML7.b.; <u>Nota</u> <i>ML7.f.1. jinkludi:</i> a. <i>Unitajiet ta' kondizzjonament tal-arja ddisinjati jew modifikati għal filtrazzjoni nukleari, bijoloġika jew kimika;</i> b. <i>Ilbies ta' protezzjoni.</i> <u>N.B.</u> <i>Għal maskli tal-gass u tagħmir protettiv u ta' dekontaminazzjoni ċivili, ara wkoll l-entrata 1A004 fuq il-Lista ta' Użu Doppju tal-UE.</i>
--	--	---

	g. Tagħmir iddisinjat jew modifikat apposta għall-użu militari, iddisinjat jew modifikat għas-sejbien jew l-identifikazzjoni ta' materjali speċifikati minn ML7.a., ML7.b. jew ML7.d., u komponenti ddisinjati apposta għal dan; <i><u>Nota</u> ML7.g. ma japplikax għal dożimetri personali għall-monitoraġġ ta' radjazzjoni.</i> <i><u>N.B.</u> Ara wkoll l-entrata 1A005 fuq il-Lista ta' Użu Doppju tal-UE.</i> h. "Bijopolimeri" iddisinjati jew ipproċessati apposta għas-sejbien jew l-identifikazzjoni ta' aġenti kimiċi tal-gwerra speċifikati minn ML7.b., u l-kulturi ta' ċelluli speċifiċi użati biex dawn jiġu prodotti; i. "Bijokatalisti" għad-dekontaminazzjoni jew id-degradazzjoni ta' aġenti kimiċi tal-gwerra, u s-sistemi bijoloġiċi tagħhom, kif ġej: 1. "Bijokatalisti" ddisinjati apposta għad-dekontaminazzjoni jew id-degradazzjoni ta' aġenti kimiċi tal-gwerra speċifikati minn ML7.b., u li jirriżultaw mis-selezzjoni taħt direzzjoni fil-laboratorju jew il-manipulazzjoni ġenetika ta' sistemi bijoloġiċi; 2. Sistemi bijoloġiċi li fihom l-informazzjoni ġenetika speċifika għall-produzzjoni ta' "bijokatalisti" speċifikati minn ML7.i.1., kif ġej: a. "Vektors ta' espressjoni"; b. Virusijiet; c. Kulturi ta' ċelloli.
--	--

	<u>Nota 1</u> <i>ML7.b. u ML7.d. ma japplikawx għal dan li ġej:</i> a. <i>Klorur ċjanoġenu (CAS 506-77-4). Ara l-entrata IC450.a.5. fuq il-Lista ta' Użu Doppju tal-UE;</i> b. <i>Aċidu Idroċijaniku (CAS 74-90-8);</i> c. <i>Kloru (CAS 7782-50-5);</i> d. <i>Klorur karbonil (fosġenu) (CAS 75-44-5). Ara l-entrata IC450.a.4. fuq il-Lista ta' Użu Doppju tal-UE;</i> e. <i>Difosġen (triklorometil-kloroformat) (CAS 503-38-8);</i> f. <i>Ma ntużax minn wara l-2004;</i> g. <i>Bromur ksilil, orto: (CAS 89-92-9), meta: (CAS 620-13-3), para: (CAS 104-81-4);</i> h. <i>Benżil bromur (CAS 100-39-0);</i> i. <i>Benżil jodur (CAS 620-05-3);</i> j. <i>Aċetun bromo (CAS 598-31-2);</i> k. <i>Bromur ċjanoġenu (CAS 506-68-3);</i> l. <i>Metiletilketon bromo (CAS 816-40-0);</i> m. <i>Aċetun kloro (CAS 78-95-5);</i> n. <i>Jodoaċetat etil (CAS 623-48-3);</i> o. <i>Aċetun jodo (CAS 3019-04-3);</i> p. <i>Kloropikrin (CAS 76-06-2). Ara l-entrata IC450.a.7. fuq il-Lista ta' Użu-Doppju tal-UE.</i> <u>Nota 2</u> <i>Il-kulturi taċ-ċelluli u s-sistemi bijoloġiċi speċifikati minn ML7.h. u ML7.i.2. huma esklussivi u dawn is-subpunti ma japplikawx għal ċelluli jew sistemi bijoloġiċi għal finijiet ċivili, bħal dawk agrikoli, farmaċewtiċi, mediċinali, veterinarji, ambjentali, ġestjoni tal-iskart, jew fl-industrija tal-ikel.</i>
--	--

ML8	"Materjali enerġetċi", u sustanzi relatati, kif ġej: <u>N.B.1.</u> <i>Ara wkoll l-entrata IC011 fuq il-Lista ta' Użu Doppju tal-UE.</i> <u>N.B.2.</u> <i>Għal kargi u tagħmir, ara ML4 u l-entrata IA008 dwar il-Lista ta' Użu Doppju tal-UE.</i> <u>Noti Tekniċi</u> 1. <i>Għall-finijiet ta' ML8, eskluż ML8.c.11. jew ML8.c.12., 'taħlita' tirreferi għal kompożizzjoni ta' żewġ sustanzi jew aktar b'minn tal-inqas sustanza waħda elenkata fis-subpunti ML8.</i> 2. <i>Kwalunkwe sustanza elenkata fis-subpunti ta' ML8 hija soġġetta għal din il-lista, anki meta użata f'applikazzjoni minbarra dik indikata. (pereżempju, TAGN hija fil-biċċa l-kbira użata bħala splussiv iżda tista' tintuża wkoll bħala karburant jew bħala ossidant.)</i> 3. <i>Għall-finijiet ta' ML8., id-daqs tal-partiċella huwa d-dijametru medju tal-partiċella fuq bażi ta' piż jew volum. Standards internazzjonali jew nazzjonali ekwivalenti ser jintużaw fit-teħid ta' kampjuni u fid-determinazzjoni tad-daqs tal-partiċella.</i> a. "Splussivi" kif ġej, u 'taħlitiet' tagħhom: 1. ADNBF (amminodinitrobenzofurossan jew 7-ammino-4,6-dinitrobenzofurażan-1-ossidu) (CAS 97096-78-1); 2. BNCP (cis-bis (5-nitrotetrażolatu) tetra ammina-kobalt (III) perklorat) (CAS 117412-28-9); 3. CL-14 (diammino dinitrobenzofurossan jew 5,7-diammino-4,6-dinitrobenzofurażan-1-ossidu) (CAS 117907-74-1); 4. CL-20 (HNIW jew Eżanitruēzaažajsowurtżitan) (CAS 135285-90-4); klatrati ta' CL-20 (ara wkoll ML8.g.3. u g.4. għall-"prekursuri" tiegħu);
-----	---

		5. CP (2-(5-ċjanotetrażolatu) penta ammina-kobalt (III) perklorat) (CAS 70247-32-4); 6. DADE (1,1-diammino-2,2-dinitroetilen, FOX7) (CAS 145250-81-3); 7. DATB (diamminotrinitrobenžen) (CAS 1630-08-6); 8. DDFP (1,4-dinitrodifurażanopiperażin); 9. DDPO (2,6-diammino-3,5-dinitropirażin-1-ossidu, PZO) (CAS 194486-77-6); 10. DIPAM (3,3'-diammino-2,2',4,4',6,6'-eżanitrobifenil jew dipikrammid) (CAS 17215-44-0); 11. DNGU (DINGU jew dinitroglukoluril) (CAS 55510-04-8); 12. Furażani kif ġej: a. DAAOF (DAAF, DAAFox, jew diamminoazossifurażan); b. DAAzF (diamminoazofurażan) (CAS 78644-90-3); 13. HMX u derivati (ara wkoll ML8.g.5. għall-"prekursuri" tiegħu), kif ġej: a. HMX (Ċiklotetrametilentetranitrammina, ottaidru-1,3,5,7-tetranitro-1,3,5,7-tetrażin, 1,3,5,7-tetranitro-1,3,5,7-tetraża-ċikloottan, ottoġen jew ottoġene) (CAS 2691-41-0); b. analogi difluworoamminati ta' HMX; c. K-55 (2,4,6,8-tetranitro-2,4,6,8-tetraażabiċiklo [3,3,0]-ottanon-3, tetranitrosemiglikouril jew keto-biċikliko HMX) (CAS 130256-72-3);
--	--	--

		14. HNAD (eżanitroadamantan) (CAS 143850-71-9); 15. HNS (eżanitrostilben) (CAS 20062-22-0); 16. Imidażoli kif ġej: a. BNNII (Ottaidro-2,5-bis(nitroimmino)imidażo [4,5-d]imidazol); b. DNI (2,4-dinitroimidażol) (CAS 5213-49-0); c. FDIA (1-fluwor-2,4-dinitroimidażol); d. NTDNIA (N-(2-nitrotriazolo)-2,4-dinitroimidażol); e. PTIA (1-pikril-2,4,5-trinitroimidazol); 17. NTNMH (1-(2-nitrotriazolo)-2-dinitrometilen idrażina); 18. NTO (ONTA jew 3-nitro-1,2,4-triazol-5-on) (CAS 932-64-9); 19. Polinitrokubani b'aktar minn erba' gruppi ta' nitro; 20. PYX (2,6-Bis(pikrilammino)-3,5-dinitropiridina) (CAS 38082-89-2); 21. RDX u derivati, kif ġej: a. RDX (ċiklotrimetilentrinitrammina, ċiklonit, T4, eżaidro-1,3,5-trinitro-1,3,5-triazin, 1,3,5-trinitro-1,3,5-triaza-ċikloeżan, eżoġen jew eżoġene) (CAS 121-82-4); b. Keto-RDX (K-6 jew 2,4,6-trinitro-2,4,6-triazaċikloeżanon) (CAS 115029-35-1); 22. TAGN (triamminogwanidinenitrat) (CAS 4000-16-2); 23. TATB (triamminotrinitrobenžen) (CAS 3058-38-6) (ara wkoll ML8.g.7 għall-"prekursuri" tiegħu);
--	--	---

		24. TEDDZ (3,3,7,7-tetrakis(difluoroammina) ottaidro-1,5-dinitro-1,5-diažoċina); 25. Tetrażoli kif ġej: a. NTAT (nitrotriazol amminotetrazol); b. TNT (1-N-(2-nitrotriazolo)-4-nitrotetrazol); 26. Tetril (trinitrofenilmetilnitrammina) (CAS 479-45-8); 27. TNAD (1,4,5,8-tetranitro-1,4,5,8-tetraażadekalin) (CAS 135877-16-6) (ara wkoll ML8.g.6. għall-"prekursuri" tiegħu); 28. TNAZ (1,3,3-trinitroažetidina) (CAS 97645-24-4) (ara wkoll ML8.g.2. għall-"prekursuri" tiegħu); 29. TNGU (SORGUYL jew tetranitroglikoluril) (CAS 55510-03-7); 30. TNP (1,4,5,8-tetranitro-piridazino[4,5-d]piridazina) (CAS 229176-04-9); 31. Triazini kif ġej: a. DNAM (2-ossi-4,6-dinitroammino-s-triażina) (CAS 19899-80-0); b. NNHT (2-nitroimmino-5-nitro-eżaidro-1,3,5-triażina) (CAS 130400-13-4);
--	--	--

		32. Triażoli kif ġej: a. 5-ażido-2-nitrotriazol; b. ADHTDN (4-ammino-3,5-diidrażino-1,2,4-triazol dinitrammida) (CAS 1614-08-0); c. ADNT (1-ammino-3,5-dinitro-1,2,4-triazol); d. BDNTA ([bis-dinitrotriażol]ammina); e. DBT (3,3'-dinitro-5,5-bi-1,2,4-triazol) (CAS 30003-46-4); f. DNBT (dinitrobistriazol) (CAS 70890-46-9); g. Ma ntużax minn wara l-2010; h. NTDNT (1-N-(2-nitrotriazol) 3,5-dinitrotriażol); i. PDNT (1-pikril-3,5-dinitrotriażol); j. TACOT (tetranitrobenzotriazolobenzotriazol) (CAS 25243-36-1);
--	--	---

		33. Splussivi mhux elenkati xi mkien ieħor f'ML8.a. u li għandhom xi wieħed minn dawn li ġejjin: a. Veloċità ta' detonazzjoni li taqbeż it-8 700 m/s, b'densità massima, <u>jew</u> b. Pressjoni ta' detonazzjoni li taqbeż 34 GPa (340 kbar); 34. Ma ntużax minn wara l-2013; 35. DNAN (2,4-dinitroanisol) (CAS 119-27-7); 36. TEX (4,10-Dinitro-2,6,8,12-tetraossa-4,10-diażaisowurtżitan) 37. GUDN (Gwanilurea dinitrammid) FOX-12 (CAS 217464-38-5) 38. Tetrazini, kif ġej: a. BTAT (Bis(2,2,2-trinitroetil)-3,6-diamminotetrazina); b. LAX-112 (3,6-diammino-1,2,4,5-tetrażina-1,4-diossidu); 39. Materjali joniċi enerġetiċi bejn 343 K (70°C) u 373 K (100°C) u b'veloċità ta' detonazzjoni li taqbeż is-6 800 m/s jew pressjoni ta' detonazzjoni li taqbeż it-18 GPa (180 kbar); 40. BTNEN (Bis(2,2,2-trinitroetil)-nitrammina) (CAS 19836-28-3); 41. FTDO (5,6-(3',4'-furazano)- 1,2,3,4-tetrażina-1,3-diossidu); 42. EDNA (Etilinedinitrammina) (CAS 505-71-5); <u>Nota</u> ML8.a. jinkludi 'kokristalli splussivi'. <u>Nota Teknika</u> <i>'Kokristall splussiv' huwa materjal solidu li huwa magħmul minn arranġament tridimensjonali f'ordni ta' żewġ molekuli splussivi jew aktar, fejn tal-anqas wieħed minnhom ikun speċifikat fi ML8.a.</i>
--	--	---

	b. "Propellanti", kif ġej: 1. Kwalunkwe "propellant" solidu b'impuls speċifiku teoretiku (taħt kondizzjonijiet standard) ta' aktar minn: a. 240 sekonda għal "propellant" mhux metallizzat, mhux aloġenizzat; b. 250 sekonda għal "propellant" mhux metallizzat, alloġenizzat; jew c. 260 sekonda għal "propellant" metallizzat; 2. Ma ntużax minn wara l-2013; 3. "Propellanti" b'forza kostanti ta' aktar minn 1 200 kJ/kg; 4. "Propellanti" li kapaċi jżommu rata ta' ħruq lineari bi stat stabbli ta' aktar minn 38 mm/s taħt kondizzjonijiet standard (kif imkejjel fil-forma ta' strand singola inibita) ta' pressjoni ta' 6.89 MPa (68.9 bar) u 294 K (21°C); 5. "Propellanti" bbażati fuq Elastomeru Modifikat fuq Fużjoni Doppja (EMCDB) b'estensibbiltà bi stress massimu ta' aktar minn 5 ftemperatura ta' 233 K (- 40°C); 6. Kwalunkwe "propellant" li fih sustanzi speċifikati minn ML8.a.; 7. "Propellanti", mhux speċifikati xi mkien ieħor fil-Lista Militari Komuni tal-UE, iddisinjati apposta għall-użu militari;
--	--

	c. "Pirotekniċi", karburanti u sustanzi relatati, kif ġej, u 'taħlitiet' tagħhom: 1. Karburanti tal-"inġenji tal-ajru" fformulati apposta għal finijiet militari; <i>Nota 1 ML8.c.1 ma japplikax għal karburanti tal-"inġenji tal-ajru" li ġejjin: JP-4, JP-5, and JP-8.</i> <i>Nota 2 Karburanti tal-"ajruplani" speċifikati minn ML8.c.1. huma prodotti mitmuma mhux il-kostitwenti tagħhom.</i> 2. Alane (idrur tal-aluminju) (CAS 7784-21-6); 3. Borani, kif ġej, u derivati tagħhom: a. Karborani; b. Omologi tal-boran, kif ġej: 1. Dekarboran (14) (CAS 17702-41-9); 2. Pentaboran (9) (CAS 19624-22-7); 3. Pentaboran (11) (CAS 18433-84-6); 4. Idrażina u derivati, kif ġej (ara wkoll ML8.d.8. u d.9. għal derivati ossidanti tal-idrażina): a. Idrażina (CAS 302-01-2) f'konċentrazzjonijiet ta' 70 % jew aktar; b. Idrażina monometil (CAS 60-34-4); c. Idrażina dimetil simmetrika (CAS 540-73-8); d. Idrażina dimetil mhux simmetrika (CAS 57-14-7); <i>Nota ML8.c.4.a. ma japplikax għal "taħlitiet" ta' idrażina fformulati apposta għall-kontroll tal-korrużjoni.</i>
--	---

		5. Karburanti tal-metall, 'taħlitiet' tal-karburanti jew 'taħlitiet' "pirotekniċi", b'forma ta' partiċelli kemm jekk sferiċi, atomizzati, sferojdali, ifflejkjati jew mitħuna, manifatturati minn materjal li jikkonsisti f'99 % jew aktar minn kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin: a. Metalli, kif ġej, u 'taħlitiet' tagħhom: 1. Berillju (CAS 7440-41-7) f'daqsijiet ta' partiċelli ta' anqas minn 60 µm; 2. Trab tal-ħadid (CAS 7439-89-6) b'daqs ta' partiċelli ta' 3 µm jew anqas prodott bir-riduzzjoni ta' ossidu tal-ħadid bl-idroġenu; b. 'Taħlitiet' li fihom kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin: 1. Zirkonjum (CAS 7440-67-7), manjesju (CAS 7439-95-4) jew liġi ta' dawn f'daqsijiet ta' partiċelli ta' anqas minn 60 µm; <u>jew</u> 2. Karburanti minn boron (CAS 7440-42-8) jew karbur tal-boron (CAS 12069-32-8) ta' purezza ta' 85 % jew ogħla u daqsijiet ta' partiċelli ta' anqas minn 60 µm;
--	--	---

		<u>Nota 1</u> ML8.c.5. japplika għal "splussivi" u karburanti, kemm jekk il-metalli jew il-liġi huma maqbuda f'kapsula tal-aluminju, tal-manjeżju, taż-żirkonju, jew tal-berillju, kif ukoll jekk le. <u>Nota 2</u> ML8.c.5.b. japplika biss għall-karburanti tal-metall f'forma ta' partiċelli meta jkunu mħallta ma' sustanzi oħra biex jiffurmaw "taħlita" f'formulata għall-iskopijiet militari bħal sospensjoni magħquda ta' "propellant" likwidu, "propellanti" solidi, jew "taħlitiet" "pirotekniċi". <u>Nota 3</u> ML8.c.5.b.2. ma japplikax għal boron u karbur tal-boron arrikkit b'boron-10 (20% jew aktar ta' kontenut totali ta' boron-10.) 6. Materjali militari, li fihom ħaxxiena għal karburanti idrokarburi, ifformulati apposta għall-użu f'kanuni tal-fjammi jew munizzjonijiet inċendjarji, bħal stearati tal-metall (pereżempju, ottal (CAS 637-12-7)) jew palmitati; 7. Perklorati, klorati u kromati, kompożitati b'metall fi trab jew komponenti oħra ta' karburanti b'kontenuti għolja ta' enerġija; 8. Trab tal-aluminju sferiku jew sferojdali (CAS 7429-90-5) b'daqs ta' partiċelli ta' 60 µm jew anqas u manifatturat minn materjal b'kontenut ta' aluminju ta' 99 % jew aktar; 9. Subidridu tat-titanju (TiH_n) ta' stojkjometrija ekwivalenti għal n= 0.65-1.68;
--	--	---

		10. Karburanti likwidi b'densità ta' enerġija għolja mhux speċifikati f'ML8.c.1., kif ġej: a. Karburanti mħallta, li jinkludu karburanti kemm solidi kif ukoll likwidi, (pereżempju tajn tal-boron), b'densità ta' enerġija bbażata fuq il-massa ta' 40 MJ/kg jew iktar; b. Karburanti u addittivi ta' karburanti oħrajn b'densità ta' enerġija għolja (pereżempju, kuban, soluzzjonijiet joniċi, JP-7, JP-10) li għandhom densità ta' enerġija bbażata fuq il-volum ta' 37.5 GJ kull metru kubu jew iktar, b'temperatura ta' 293 K (20°C) u pressjoni tal-atmosfera (101.325 kPa); <i><u>Nota</u> ML8.c.10.b. ma japplikax għal karburanti fossili raffinati jew bijokarburanti, jew karburanti għal magni ċċertifikati għall-użu fl-avjazzjoni ċivili.</i>
--	--	--

		11. Materjali "pirotekniċi" u piroforiċi, kif ġej: - Materjali "pirotekniċi" jew piroforiċi fformulati speċifikament sabiex itejbu jew jikkontrollaw il-produzzjoni ta' enerġija rradjata fi kwalunkwe parti tal-ispettru IR; - Taħlitiet tal-manjeżju, politetrafluoroetilen (PTFE) u kopolimeru ta' difluworidu-eżafluworopropilen tal-viniliden (pereżempju, MTV); 12. Taħlitiet tal-karburanti, taħlitiet "pirotekniċi" jew "materjali enerġetiċi", mhux speċifikati mkien ieħor f'ML8, li għandhom dan kollu li ġej: - Li fihom aktar minn 0.5% ta' partiċelli ta' kwalunkwe minn dan li ġej: - Aluminju; - Berillju; - Boron; - Żirkonju; - Manjeżju; <u>jew</u> - Titanju; - Partiċelli speċifikati minn ML8.c.12.a. b'daqs anqas minn 200 nm fi kwalunkwe direzzjoni; <u>u</u> - Partiċelli speċifikati minn ML8.c.12.a. b'kontenut tal-metall ta' 60% jew aktar;
--	--	--

	d. Ossidanti, kif ġej, u 'taħlitiet' tagħhom: 1. ADN (ammonju dinitrammid jew SR 12) (CAS 140456-78-6); 2. AP (ammonju perklorat) (CAS 7790-98-9); 3. Komposti magħmula minn fluworu u kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin: a. Aloġeni oħrajn; b. Ossiġenu; <u>jew</u> c. Nitroġenu; <i><u>Nota 1</u> ML8.d.3 ma japplikax għal kloru trifluworid (CAS 7790-91-2).</i> <i><u>Nota 2</u> ML8.d.3 ma japplikax għal nitroġenu trifluworid (CAS 7783-54-2) fl-istat gassuż tiegħu.</i> 4. DNAD (1,3-dinitro-1,3-diażetidina) (CAS 78246-06-7); 5. HAN (idrossilammonju nitrat) (CAS 13465-08-2); 6. HAP (idrossilammonju perklorat) (CAS 15588-62-2); 7. HNF (idrażinju nitroformat) (CAS 20773-28-8); 8. Nitrat tal-idrażina (CAS 37836-27-4);
--	--

		9. Perklorat tal-idrażina (CAS 27978-54-7); 10. Ossidanti likwidi magħmula minn jew li fihom aċidu nitriku fumanti aħmar inibit (IRFNA) (CAS 8007-58-7); <i><u>Nota</u> ML8.d.10 ma japplikax għal aċidu nitriku fumanti mhux inibit.</i> e. Bajnders, plastikizzaturi, monomeri u polimeri, kif ġej: 1. AMMO (ażidometilmetilossetan u l-polimeri tiegħu) (CAS 90683-29-7) (ara wkoll ML8.g.1. għall-"prekursuri" tiegħu); 2. BAMO (3,3-bis(ażidometil)ossetan u l-polimeri tiegħu) (CAS 17607-20-4) (ara wkoll ML8.g.1. għall-"prekursuri" tiegħu); 3. BDNPA (bis (2,2-dinitropropil)aċetal) (CAS 5108-69-0); 4. BDNPF (bis (2,2-dinitropropil)formal) (CAS 5917-61-3); 5. BTTN (butantriolttrinitrat) (CAS 6659-60-5) (ara wkoll ML8.g.8. għall-"prekursuri" tiegħu); 6. Monomeri, plastikizzaturi jew polimeri enerġetiċi, ifformulati b'mod speċjali għall-użu militari u li fihom kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin; a. Gruppi ta' nitro; b. Gruppi ta' aзіdo; c. Gruppi ta' nitrati; d. Gruppi ta' nitraža; <u>jew</u> e. Gruppi ta' difluworoammin; 7. FAMAO (3-difluworoamminometil-3-ażidometil ossetan) u l-polimeri tiegħu; 8. FEFO (bis-(2-fluwor-2,2-dinitroetil) formal) (CAS 17003-79-1); 9. FPF-1 (poli-2,2,3,3,4,4-eżafluworopentan-1,5-diol formal) (CAS 376-90-9);
--	--	--

		10. FPF-3 (poli-2,4,4,5,5,6,6-ettafluworo-2-tri-fluworometil-3-ossaettan-1,7-diol formal); 11. GAP (polimeru ta' gliċidilażid) (CAS 143178-24-9) u d-derivati tiegħu; 12. HTPB (polibutadien terminat bl-idrossil) b'funzjonalità ta' idrossil li hija ugwali jew aktar minn 2,2 u ugwali jew inqas minn 2,4, valur tal-idrossil ta' inqas minn 0.77 meq/g, u b'viskożità fi 30 °C ta' inqas minn 47 poise (CAS 69102-90-5); 13. Poli(epikloroidrin) alkoħol funzjonalizzat, b'piż molekolari ta' anqas minn 10 000, kif ġej: a. Poli(epikloroidrindiol); b. Poli(epikloroidrintriol) 14. NENAs (komposti nitratoetilnitrammini) (CAS 17096-47-8, 85068-73-1, 82486-83-7, 82486-82-6 u 85954-06-9); 15. PGN (poli-GLYN, poligliċidilnitrat jew poli(nitratometil ossiran)) (CAS 27814-48-8); 16. Poli-NIMMO (poli (nitratometilmetilossetan), poli-NMMO jew poli(3-Nitratometil-3-metilossetan)) (CAS 84051-81-0); 17. Polinitroortokarbonati; 18. TVOPA (1,2,3-tris[1,2-bis(difluworoammino)etossi] propan jew tris vinossi propan addott) (CAS 53159-39-0); 19. 4,5 diażidometil-2-metil-1,2,3-triażol (iso-DAMTR); 20. PNO (Poli(3-nitrato ossetan)); 21. TMETN (Trimetiloletan trinitrat) (CAS 3032-55-1);
--	--	---

	f. "Teknoloġija", kif ġej: 1. Ram saliċilat bażiku (CAS 62320-94-9); 2. BHEGA (bis-(2-idrossietil) glikolammid) (CAS 17409-41-5); 3. BNO (butadienenitrilossidu); 4. Derivati tal-ferroċen kif ġej: a. Butaċen (CAS 125856-62-4); b. Katoċen (2,2-bis-etilferroċenil propan) (CAS 37206-42-1); c. Aċidi karbossiliċi tal-ferroċen u esterji tal-aċidi karbossiliċi tal-ferroċen; d. n-butyl-ferroċen (CAS 31904-29-7); e. Polimeri derivati addotti tal-ferroċen oħra mhux speċifikati mkien ieħor f'ML8.f.4. ; f. Etil ferroċen (CAS 1273-89-8); g. Propil ferroċen; h. Pentil ferroċen (CAS 1274-00-6); i. Diċiklopentil ferroċen; j. Diċikloezil ferroċen; k. Dietil ferroċen (CAS 1273-97-8); l. Dipropil ferroċen; m. Dibutyl ferroċen (CAS 1274-08-4); n. Diezil ferroċen (CAS 93894-59-8); o. Aċetil ferroċen (CAS 1271-55-2)/1,1'-diaċetil ferroċen (CAS 1273-94-5);
--	---

		5. Beta-resorčilat taċ-ċomb (CAS 20936-32-7) jew beta-risorċilat tar-ram (CAS 70983-44-7); 6. Ċitrat taċ-ċomb (CAS 14450-60-3); 7. Kelati taċ-ċomb-ram ta' beta-risorċilat jew saliċilati (CAS 68411-07-4); 8. Maleat taċ-ċomb (CAS 19136-34-6); 9. Saliċilat taċ-ċomb (CAS 15748-73-9); 10. Stannat taċ-ċomb (CAS 12036-31-6); 11. MAPO (tris-1-(2-metil)ażiridinil fosfin ossidu) (CAS 57-39-6); BOBBA 8 (bis(2-metil ażiridinil) 2-(2-idrossipropanossi) propilammin fosfin ossidu); u derivati MAPO oħra; 12. Metil BAPO (bis(2-metil ażiridinil) metilammin fosfin ossidu) (CAS 85068-72-0); 13. N-metil-p-nitroanilin (CAS 100-15-2); 14. 3-Nitraża-1,5-pentan diisoċjanat (CAS 7406-61-9); 15. Aġenti ta' igganċjar organo-metalliċi kif ġej: a. Neopentil[diallil]oksi, tri[diocetil]fosfat-titanate (CAS 103850-22-2); magħruf ukoll bħala titanju IV, 2,2[bis 2-propenolato-metil, butanolato, tris (diocetil) fosfato] (CAS 110438-25-0); jew LICA 12 (CAS 103850-22-2); b. Titanju IV, [(2-propenolato-1) metil, n-propanolatometil] butanolato-1, tris[diottil] pirofosfat jew KR3538; c. Titanju IV, [(2-propenolato-1) metil, n-propanolatometil] butanolato-1, tris(diottil) fosfat; 16. Poliċjanodifluworoamminoetileneossidu;
--	--	---

		17. Aġenti li jgħaqqdu kif ġej: 1,1R,1S-trimesoil-tris(2-etilaziridina) (HX-868, BITA) (CAS 7722-73-8); - Ammidi azirdini polifunzjonali bi strutturi ta' rinforz isoftaliċi, trimesiċi, isoċjanuriċi jew trimetiladipiċi u li għandhom ukoll grupp ażiridiniku ta' 2-metil jew 2-etil; <u>Nota</u> Il-punt ML.8.f.17.b. jinkludi: 1,1H- Isoftaloil-bis(2-metilaziridina)(HX-752) (CAS 7652-64-4); 2,4,6-tris(2-etil-1-ażiridinil)-1,3,5-triażina (HX-874) (CAS 18924-91-9); 1,1'-trimetiladipoil-bis(2-etilaziridina) (HX-877)(CAS 71463-62-2). 18. Propilenimmina (2-metilaziridina) (CAS 75-55-8); 19. Ossidu tal-ħadid fin ħafna (Fe₂O₃) (CAS 1317-60-8) b'medda tal-wiċċ speċifika aktar minn 250 m²/g u daqs medju tal-partiċelli ta' 3,0 nm jew anqas; 20. TEPAN (tetraetilinpentaamminakrilonitril) (CAS 68412-45-3); poliammini ċianoetilati u l-imluħa tagħhom; 21. TEPANOL (tetraetilenepentaamminaakrilonitrilegliċidol) (CAS 68412-46-4); poliammini ċianoetilati addotti bi gliċidol u l-imluħa tagħhom; 22. TPB (trifenil bismut) (CAS 603-33-8); 23. TEPB (Tris (etossifenil) bismut) (CAS 90591-48-3);
--	--	--

	g. "Prekursuri" kif ġej: <u>N.B.</u> <i>F'ML8.g. ir-referenzi huma għal "Materjali Enerġetiċi" speċifikati manifatturati minn dawn is-sustanzi.</i> 1. BCMO (3,3-bis(klorometil)ossetan) (CAS 78-71-7) (ara wkoll ML8.e.1. u e.2.); 2. Melħ dinitroazetidin-t-butyl (CAS 125735-38-8) (ara wkoll ML8.a.28.); 3. Derivati tal-eżaażaisowurtżitan inkluż HBIW (eżabenzileżaażaisowurtżitan) (CAS 124782-15-6) (ara wkoll ML8.a.4.) u TAIW (tetraacetildibenzileżaażaisowurtżitan) (CAS 182763-60-6) (ara wkoll ML8.a.4.); 4. Ma ntużax minn wara l-2013; 5. TAT (1,3,5,7 tetraaċetil-1,3,5,7,-tetraaża ċiklo-ottan) (CAS 41378-98-7) (ara wkoll ML8.a.13.); 6. 1,4,5,8-tetraażadekalin (CAS 5409-42-7) (ara wkoll ML8.a.27.); 7. 1,3,5-triklorobenżen (CAS 108-70-3) (ara wkoll ML8.a.23.); 8. 1,2,4-triidrossibutan (1,2,4-butantriol) (CAS 3068-00-6) (ara wkoll ML8.e.5.); 9. DADN (1,5-diaċetil-3,7-dinitro-1, 3, 5, 7-tetraaża-ċikloottan) (ara wkoll ML8.a.13).
--	---

	h. Trab u forom ta' "materjal reattiv", kif ġej: - Trab ta' xi wieħed mill-materjali li ġejjin, b'daqs tal-partiċella ta' inqas minn 250 μm f'kull direzzjoni u mhux speċifikati mkien ieħor minn ML8: - Aluminju; - Nijobju; - Boron; - Żirkonju; - Manjeżju; - Titanju; - Tantalju; - Tungstenu; - Molibdenu; <u>jew</u> - Afnju; - Forom, mhux speċifikati minn ML3, ML4, ML12 jew ML16, magħmulin minn trab speċifikati minn ML8.h.1. <u>Noti Tekniċi</u> "Materjali reattivi" huma ddisinjati biex jipproduċu reazzjoni esotermika biss b'rati ta' pressjoni għolja u għal użu bħala kisjiet jew koperturi f'testati. - Trab ta' "materjal reattiv" jiġu prodotti, pereżempju, minn proċess ta' tħin bl-isferi b'livell għoli ta' enerġija. - Forom ta' "materjal reattiv" jiġu prodotti, pereżempju, minn sinterizzazzjoni selettiva bil-laser.
--	--

	<u>Nota 1</u> <i>ML8 ma japplikax għas-sustanzi li għejjin dment li mhumiex magħquda jew imħallta mal-"materjal enerġetiku" speċifikat f'ML8.a. jew metalli fi trab speċifikati minn ML8.c.:</i> <i>a. Pikrat tal-ammonju (CAS 131-74-8);</i> <i>b. Trab iswed;</i> <i>c. Eżanitrodifenilammina (CAS 131-73-7);</i> <i>d. Diġfluworoammina (CAS 10405-27-3);</i> <i>e. Nitrolamtu (CAS 9056-38-6);</i> <i>f. Nitrato tal-potassju (CAS 7757-79-1);</i> <i>g. Tetranitronaftalina;</i> <i>h. Trinitruaniżol;</i> <i>i. Trinitronaftalina;</i> <i>j. Trinitrossilen;</i> <i>k. N-pirrolidinon; 1-metil-2-pirrolidinon (CAS 872-50-4);</i> <i>l. Diottilmaleat (CAS 142-16-5);</i> <i>m. Etiletilakrilat (CAS 103-11-7);</i> <i>n. Trietilaluminju (TEA) (CAS 97-93-8), trimetilaluminju (TMA) (CAS 75-24-1), u alkali tal-metall piroforiċi oħra u arali tal-litju, sodju, manjeżju, żingu jew boron;</i> <i>o. Nitroċellulożju (CAS 9004-70-0);</i> <i>p. Nitroglċerina (jew glċeroltrinitrat, trinitroglċerina) (NG) (CAS 55-63-0);</i> <i>q. 2,4,6-trinitrotoluwen (TNT) (CAS 118-96-7);</i> <i>r. Etilendiamminadinitrat (EDDN) (CAS 20829-66-7);</i>
--	---

		s. <i>Pentaeritritoltetranitrat (PETN) (CAS 78-11-5);</i> t. <i>Ażid taċ-ċomb (CAS 13424-46-9), stifnat taċ-ċomb normali (CAS 15245-44-0) u stifnat taċ-ċomb bażiku (CAS 12403-82-6) u splussivi primarji jew kompożizzjonijiet ta' innesk li fihom ażidi jew kumplessi ta' ażid;</i> u. <i>Trietilenglikoldinitrat (TEGDN) (CAS 111-22-8);</i> v. <i>2,4,6-trinitroresorċinol (aċidu stifniku) (CAS 82-71-3);</i> w. <i>Dietildifenilureja (CAS 85-98-3); dimetildifenilureja (CAS 611-92-7); metiletildifenil urea [Ċentraliti];</i> x. <i>N,N-difenilurea (difenilurea mhux simmetrika) (CAS 603-54-3);</i> y. <i>Metil-N,N-difenilurea (difenilurea mhux simmetrika tal-metil) (CAS 13114-72-2);</i> z. <i>Etil-N,N-difenilurea (difenilurea mhux simmetrika tal-etil) (CAS 64544-71-4);</i> aa. <i>2-Nitrodifenilammina (2-NDPA) (CAS 119-75-5);</i> bb. <i>4-Nitrodifenilammina (4-NDPA) (CAS 836-30-6);</i> cc. <i>2,2-dinitropropanol (CAS 918-52-5);</i> dd. <i>Nitrogwanidina (CAS 556-88-7)(ara l-entrata 1C011.d. fuq il-lista ta' Użu Doppju tal-UE).</i>
--	--	--

		<u>Nota 2</u> <i>ML8. ma japplikax għal ammonju perklorat (ML8.d.2.), NTO (ML8.a.18.) jew katoċen (ML8.f.4.b.), u li jissodisfaw dan kollu li ġej:</i> <i>a. Magħmulin u fformulati b'mod speċjali għal apparat li jiġġenera l-gass għal użu ċivili;</i> <i>b. Komposti jew imħalltin, permezz ta' bajnders jew plastifikanti fformati bis-sħana u mhux attivi, u li għandhom massa ta' anqas minn 250 g;</i> <i>c. B'mhux aktar minn 80% ta' ammonju perklorat (ML8.d.2.) f'massa ta' materjal attiv;</i> <i>d. B'4 g jew anqas ta' NTO (ML8.a.18.); <u>u</u></i> <i>e. B'1 g jew anqas ta' katoċen (ML8.f.4.b.).</i>
--	--	--

ML9	Bastimenti tal-gwerra (fil-wiċċ jew ta' taħt l-ilma), tagħmir navali speċjali, aċċessorji, komponenti u bastimenti tal-wiċċ oħra, kif ġej: <u>N.B.</u> <i>Għal tagħmir ta' gwida u ta' navigazzjoni, ara ML11.</i> a. Bastimenti u komponenti, kif ġej: 1. Bastimenti (tal-wiċċ jew ta' taħt l-ilma) iddisinjati jew modifikati apposta għal użu militari, irrappreżentat mill-istat attwali ta' tiswija jew kondizzjoni ta' ħidma, u kemm jekk fihom sistemi jew armaturi ta' forniture ta' armi kif ukoll jekk le, u b'wieq jew partijiet mill-bwieq għal tali bastimenti, u komponenti ddisinjati apposta għalihom għal użu militari; 2. Bastimenti tal-wiċċ, għajr dawk speċifikati f'ML9.a.1., li għandhom kwalunkwe element minn dawn, installati jew integrati fil-bastiment: a. Armi awtomatiċi - speċifikati f'ML1., jew armi speċifikati f'ML2., ML4., ML12. jew ML19., jew 'muntaturi' jew punti ta' konnessjoni (hard points) għal armi b'kalibru ta' 12.7 mm jew aktar; <u>Nota Teknika</u> <i>'Muntaturi' tirreferi għal muntaturi tal-armi jew tisħiħ strutturali għall-fini li jiġu installati l-armi.</i> b. Sistemi għall-kontroll tan-nar speċifikati f'ML5.; c. Għandhom dan kollu li ġej: 1. "Protezzjoni Kimika, Bijoloġika, Radjoloġika u Nukleari (CBRN)"; <u>u</u> 2. "Sistema pre-wet jew wash down" disinjati għal finijiet ta' dekontaminazzjoni; <u>jew</u>
-----	---

Noti Tekniċi

1. *'Protezzjoni CBRN' hija spazju intern awtonomu li fih karatteristiċi bħal pressjoni eċċessiva, iżolament tas-sistemi ta' ventilazzjoni, numru limitat ta' fetħiet għall-ventilazzjoni li jkunu mġhammra b'filtri CBRN u punti ta' aċċess għall-persunal limitati li jkunu mġhammra b'air-locks.*
 2. *'Sistema pre-wet jew wash down' hija sistema li tisprejja l-ilma baħar li tista' xxarrab fl-istess waqt is-superstruttura esterna u l-gverti ta' bastiment.*
- d. Sistemi attivi ta' kontromiżuri għal armi speċifikati f'ML4.b., ML5.c. jew ML11.a. u li għandhom kwalunkwe element minn dawn li ġejjin:
1. 'Protezzjoni CBRN';
 2. Buq u superstruttura ddisinjati apposta biex inaqqsu l-marka li titħalla fuq ir-radar;
 3. Tagħmir għat-tnaqqis tal-marka termali, (pereżempju sistema għat-tkessiġ tal-gassijiet tal-egżost), għajr dak iddisinjat apposta biex ikabbar l-effiċjenza ġenerali tal-impjant tal-enerġija jew biex jitnaqqas l-impatt ambjentali; jew
 4. Sistema ta' degaussing iddisinjata biex tnaqqas is-senjatura manjetika tal-bastiment kollu;

	b. Magni u sistemi ta' propulsjoni, kif ġej, iddisinjati apposta għall-użu militari, u komponenti u aċċessorji tagħhom iddisinjati apposta għall-użu militari: 1. Magni diżil iddisinjati apposta għas-sottomarini; 2. Magni jaħdmu bl-elettriku ddisinjati apposta għas-sottomarini u li għandhom l-elementi kollha li ġejjin: a. Output ta' enerġija ta' aktar minn 0.75 MW (1,000 hp); b. Irriversjar rapidu; c. Imkessħa bil-likwidu; <u>u</u> d. Kompletament magħluqa; 3. Magni diżil mhux manjetiċi li għandhom l-elementi kollha li ġejjin: a. Output ta' enerġija ta' 37.3 kW (50 hp) jew aktar; <u>u</u> b. Kontenut mhux manjetiku li jaqbeż il-75% tal-massa totali; 4. Sistemi ta' 'Propulsjoni Indipendenti mill-Arja' (AIP) iddisinjati apposta għas-sottomarini; <u>Nota Teknika</u> <i>'Propulsjoni Indipendenti mill-Arja' (AIP) tippermetti lil sottomarin taħt l-ilma jopera s-sistema ta' propulsjoni tiegħu, mingħajr aċċess għal ossiġenu atmosferiku, għal żmien itwal minn dak li kien ikun possibbli mill-batteriji. Għall-finijiet ta' ML9.b.4, AIP ma jinkludix enerġija nukleari.</i>
--	--

	c. Apparat ta' sejbien ta' taħt l-ilma, iddisinjat apposta għall-użu militari, u l-kontrolli u l-komponenti tiegħu ddisinjati apposta għall-użu militari; d. Xbieki kontra s-sottomarini u xbieki kontra t-torpedos, iddisinjati apposta għall-użu militari; e. Ma ntużax minn wara l-2003; f. Penetraturi u konnetturi tal-buq, iddisinjati apposta għall-użu militari, li jippermettu l-interazzjoni ma' tagħmir estern għal bastiment, u l-komponenti tagħhom iddisinjati apposta għall-użu militari; <i>Nota ML9.f jinkludi konnetturi għal bastimenti li huma tat-tip tal-konduttur uniku, ta' diversi kondutturi, koassjali jew waveguide, u penetraturi tal-buq għall-bastimenti, li t-tnejn li huma kapaċi jibqgħu jirreżistu d-dħul tal-ilma minn barra u li jżommu l-karatteristiċi meħtieġa fi profunditajiet marini li jaqbżu l-100 m; u konnetturi tal-fibre-optic u penetraturi ottiċi tal-buq, iddisinjati apposta għat-trasmissjoni ta' raġġi "laser", irrISPettivament mill-profondità. ML9.f. ma japplikax għal penetraturi tal-buq control-rod bix-xaft propulsiv u idrodinamiċi.</i> g. Bearings silenzzjużi li għandhom kwalunkwe wieħed mill-komponenti tagħhom li ġejjin, iddisinjati apposta għall-użu militari: 1. Sospensjoni bil-gass jew manjetika; 2. Kontrolli tal-marka attiva; <u>jew</u> 3. Kontrolli għas-soppressjoni tal-vibrazzjonijiet.
--	---

ML10	"Inġenji tal-ajru", "vetturi eħfef mill-arja", "vetturi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ" ("UAVs"), aeromagni u tagħmir għall-"inġenji tal-ajru", tagħmir u komponenti relatati, kif ġej, iddisinjati jew modifikati apposta għall-użu militari: <i><u>N.B.</u> Għal tagħmir ta' gwida u ta' nagivazzjoni, ara ML11.</i> a. "Inġenji tal-ajru" u "vetturi eħfef mill-arja" b'ekwipaġġ, u komponenti ddisinjati apposta għalihom; b. Ma ntużax minn wara l-2011; c. "Inġenji tal-ajru" mingħajr ekwipaġġ u "vetturi eħfef mill-arja", u tagħmir relatat, kif ġej, u komponenti ddisinjati apposta għalihom: 1. "UAVs", Vetturi tal-Ajru Ppilotati mill-Bogħod (RPVs), vetturi programmabbli awtonomi u "vetturi eħfef mill-arja" mingħajr ekwipaġġ; 2. Lanċaturi, tagħmir ta' rkupru u tagħmir għall-appoġġ fuq l-art; 3. Tagħmir iddisinjat għall-kmand jew il-kontroll; d. Magni aeronawtiċi bi propulsjoni u komponenti ddisinjati apposta għalihom; e. Tagħmir għall-għoti tal-karburant fl-ajru ddisinjat jew modifikat apposta għal kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin, u komponenti ddisinjati apposta għalih: 1. "Inġenji tal-ajru" speċifikati minn ML10.a.; <u>jew</u> 2. "Inġenji tal-ajru" mingħajr ekwipaġġ speċifikati minn ML10.c.; f. 'Tagħmir tal-art' iddisinjat apposta għall-"inġenji tal-ajru" speċifikati minn ML10.a. jew għall-magni tal-ajru speċifikati minn ML10.d.; <i><u>Nota Teknika</u></i> <i>It-'tagħmir tal-art' jinkludi tagħmir għall-għoti tal-karburant bi pressjoni u tagħmir iddisinjat biex jiffaċilita operazzjonijiet f'żoni ristretti.</i>
------	--

	g. Tagħmir għas-salvataġġ tal-ekwipaġġ tal-ajru, tagħmir għas-sikurezza tal-ekwipaġġ tal-ajru u apparat ieħor għat-tluq ta' emerġenza, mhux speċifikati f'ML10.a., iddisinjati għall-"inġenji tal-ajru" speċifikati minn ML10.a.; <i>Nota ML10.g. ma jikkontrollax elmi tal-ekwipaġġ tal-ajru li ma jinkorporawx it-tagħmir speċifikat fil-Lista Militari Komuni tal-UE, jew li m'għandhomx muntaturi jew armar għalih.</i> <i>N.B. Għall-elmi ara wkoll ML13.c.</i> h. Paraxutijiet, paragliders u tagħmir relatat, kif ġej, u komponenti ddisinjati apposta għalihom: 1. Paraxutijiet li mhumiex speċifikati xi mkien ieħor fil-Lista Militari Komuni tal-UE; 2. Paragliders; 3. Tagħmir maħsub apposta għal paraxutisti ta' altitudni għolja (pereżempju, ilbies, elmi speċjali, sistemi għat-teħid tan-nifs, tagħmir tan-navigazzjoni); i. Tagħmir bi ftuħ ikkontrollat jew sistemi ta' pilotaġġ awtomatiku, iddisinjati għal tagħbijiet mitfugħa bil-paraxut.
--	---

	<u>Nota 1</u> <i>ML10.a. ma japplikax għal "inġenji tal-ajru" u "vetturi eħfef mill-arja" jew varjanti ta' daww "l-inġenji tal-ajru" ddisinjati apposta għall-użu militari, u li jkunu dan kollu li ġej:</i> <i>a. Li ma jkunux "inġenji tal-ajru" tal-ġlied;</i> <i>b. Li ma jkunux ikkonfigurati għall-użu militari u mhumex mġammra b'taġħmir jew aċċessorji ddisinjati jew modifikati apposta għall-użu militari; u</i> <i>c. Ċertifikat għal użu ċivili mill-awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri tal-UE jew Stati Parteċipanti tal-Ftehim ta' Wassenaar.</i> <u>Nota 2</u> <i>ML10.d. ma japplikax għal:</i> <i>a. Aeromagni maħsuba jew modifikati għall-użu militari li ġew iċċertifikati mill-awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili ta' Stat Membru wieħed jew aktar tal-UE jew Stati Parteċipanti tal-Ftehim ta' Wassenaar għall-użu fl-"inġenji tal-ajru ċivili", jew komponenti ddisinjati apposta għalihom;</i> <i>b. Magni reċiprokanti jew komponenti ddisinjati apposta għalihom, hlied daww iddisinjati apposta għal "UAVs".</i> <u>Nota 3</u> <i>Għall-finijiet ta' ML10.a. u ML10.d., komponenti ddisinjati apposta u taġħmir relatat għal "inġenji tal-ajru" mhux militari jew aeromagni modifikati għall-użu militari, japplika biss għal daww il-komponenti militari u għal taġħmir militari relatat meħtieġ għall-modifika għal użu militari.</i>
--	---

	<u>Nota 4</u> <i>Għall-finijiet ta' ML10.a., l-użu militari jinkludi: ġlied, tkixxif militari, attakk, taħriġ militari, appoġġ loġistiku, u trasport u tfigħ mill-ajru ta' truppi jew tagħmir militari.</i> <u>Nota 5</u> <i>ML10.a. ma japplikax għal "inġenji tal-ajru" li għandhom dan kollu li ġej:</i> <i>a. Ġew manifatturati għall-ewwel darba qabel l-1946;</i> <i>b. Ma jinkludux oġġetti speċifikati mil-Lista Militari Komuni tal-UE, dment li l-oġġetti ma jkunux meħtieġa biex jiġu sodisfatti standards ta' sikurezza u ajrunavigabbiltà ta' awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili ta' Stat Membru wieħed jew aktar tal-UE jew ta' Stati Parteċipanti tal-Ftehim ta' Wassenaar; u</i> <i>c. Ma jinkorporawx armi speċifikati mil-Lista Militari Komuni tal-UE, ħliet jekk dawn ma jistgħux jitħaddmu jew jitreġġgħu lura għall-operazzjoni.</i>
--	---

ML11	Tagħmir elettroniku, "inġenji spazjali" u komponenti, mhux speċifikati xi mkien ieħor fuq il-Lista Militari Komuni tal-UE, kif ġej: a. Tagħmir elettroniku ddisinjat apposta għall-użu militari u komponenti ddisinjati apposta għalih; <i>Nota ML11.a. jinkludi:</i> a. <i>Tagħmir ta' kontromiżura elettroniku u tagħmir ta' kontro-kontromiżura elettroniku (jiġifieri, tagħmir iddisinjat sabiex jintroduċi sinjali estranji jew skorretti f'riċevituri tal-komunikazzjoni bir-radar jew bir-radju jew inkella jfixkel ir-riċezzjoni, l-operat jew l-effettività ta' riċevituri elettroniċi avversarji inkluż it-tagħmir ta' kontromiżura tagħhom), inkluż tagħmir tal-iġġammjar u kontra l-iġġammjar;</i> b. <i>Tubi b'aġilità ta' frekwenza;</i> c. <i>Sistemi jew tagħmir elettroniċi, iddisinjati għas-sorveljanza jew għall-monitoraġġ tal-ispettru elettromanjetiku għal finijiet ta' intelligence militari jew ta' sigurtà jew b'kontroazzjoni għal tali sorveljanza u monitoraġġ;</i> d. <i>Tagħmir ta' kontromiżuri ta' taħt l-ilma, inkluż iġġammjar u ingannaturi akustiċi u manjetiċi, iddisinjati biex jintroduċu sinjali estranji jew skorretti f'riċevituri tas-sonar;</i> e. <i>Tagħmir ta' sigurtà għall-ipproċessar tad-data, tagħmir għas-sigurtà tad-data u tagħmir ta' sigurtà għal linji ta' trasmissjoni u ta' senjalazzjoni, bl-użu ta' proċessi ta' ċifraġġ;</i> f. <i>Tagħmir għall-identifikazzjoni, l-awtentikazzjoni u l-ikkargar ta' ċwieviet krittografiċi u tagħmir għall-ġestjoni, il-manifattura u d-distribuzzjoni ta' ċwieviet krittografiċi;</i>
------	---

		g. <i>Tagħmir ta' gwida u navigazzjoni;</i> h. <i>Tagħmir għat-trasmissjoni ta' komunikazzjonijiet diġitali bir-radju b'diffużjoni troposferika;</i> i. <i>Demodulatori diġitali ddisinjati apposta għal intelligence tas-sinjali;</i> j. <i>"Sistemi awtomatizzati ta' kmand u kontroll".</i> <u>N.B.</u> <i>N.B. Għal "software" assoċjat mar-radju definit permezz ta' "Software" (SDR) militari ara ML21.</i> b. Tagħmir tal-iġġammjar ta' Sistemi Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) u komponenti ddisinjati apposta għalih; c. "Inġenji spazjali" ddisinjati jew modifikati apposta għall-użu militari, u komponenti tal-"inġenji spazjali" ddisinjati apposta għall-użu militari.
--	--	--

ML12	Sistemi ta' armi b'enerġija kinetika b'veloċità għolja u tagħmir relatat, kif ġej, u komponenti ddisinjati apposta għalihom: a. Sistemi ta' armi b'enerġija kinetika ddisinjati apposta għall-qerda jew biex jisfrattaw il-missjoni tal-bersall; b. Faċilitajiet ta' ttestjar u evalwazzjoni u mudelli ta' ttestjar iddisinjati apposta, inklużi strumentazzjoni u miri dijanjostiċi, għall-ittestjar dinamiku ta' projettili u sistemi tal-enerġija kinetika. <i><u>N.B.</u> Għal sistemi tal-armi li jużaw munizzjon subkalibru jew li jagħmlu użu biss minn propulsjoni kimika u munizzjon għalihom, ara ML1 sa ML4.</i> <i><u>Nota 1</u> ML12 jinkludi li ġej meta ddisinjati apposta għal sistemi ta' armi b'enerġija kinetika:</i> a. <i>Sistemi ta' sparar bi propulsjoni li kapaċi jaċċelleraw mases akbar minn 0,1 g għal veloċitajiet li jaqsbu l-1.6 km/s, f'modi ta' tluq uniċi jew rapidi;</i> b. <i>Tagħmir ta' ġenerazzjoni tal-enerġija prima, ta' armatura elettrika, ta' ħażna tal-enerġija (pereżempju kapasiters li jaħżnu kwantità kbira ta' enerġija), ta' amministrazzjoni termali, ta' kondizzjonament, ta' sswiċċjar jew ta' trattament tal-karburant; u interfaces elettriki bejn il-provvista tal-enerġija, il-kanun u l-funzjonijiet l-oħra ta' kmand elettriku tat-turretta;</i> <i><u>N.B.</u> Ara wkoll 3A001.e.2. dwar il-Lista ta' Użu Doppju tal-UE għall-kapasiters li jaħżnu kwantità kbira ta' enerġija.</i> c. <i>Sistemi ta' akkwist u insewiment tal-bersall, kontroll tal-isparar jew valutazzjoni tad-dannu;</i> d. <i>Sistemi awtogwidati ta' riċerka, ta' gwida jew ta' propulsjoni devjata (aċċellerazzjoni laterali) għal projettili.</i>
------	--

		<u>Nota 2</u> ML12 japplika għal sistemi ta' armi bl-użu ta' kwalunkwe wieħed mill-metodi li ġejjin ta' propulsjoni: a. <i>Elettromanjetika;</i> b. <i>Elettrotermali;</i> c. <i>Plasma;</i> d. <i>Gass ħafif; <u>jew</u></i> e. <i>Kimika (meta użata flimkien ma' kwalunkwe wieħed minn dawn ta' hawn fuq).</i>
--	--	--

ML13	Tagħmir, kostruzzjonijiet u komponenti blindati jew protettivi, kif ġej: a. Pjanċa metallika jew mhux metallika blindata, li għandha xi wieħed minn dawn li ġejjin: 1. Manifatturata sabiex tikkonforma ma' standard jew speċifikazzjoni militari; <u>jew</u> 2. Adatta għall-użu militari; <i><u>N.B.</u> Għall-korazzi tal-ġisem, ara ML13.d.2.</i> b. Kostruzzjonijiet ta' materjali metalliċi jew non-metalliċi, jew taħlitiet tagħhom, iddisinjati apposta sabiex jipprovdu protezzjoni ballistika għal sistemi militari, u komponenti ddisinjati apposta għalihom; c. Elmi manifatturati skont standards jew speċifikazzjonijiet militari, jew standards nazzjonali komparabbli, u strutturi esterni, inforra, jew kuxxinetti għal konfort iddisinjati apposta għalihom; <i><u>N.B.</u> Għal komponenti jew aċċessorji oħra ta' elmi militari, ara l-entrata rilevanti fil-Lista Militari Komuni tal-UE.</i> d. Korazzi tal-ġisem jew ilbies protettiv, u komponenti għalihom, kif ġej: 1. Korazzi rotob tal-ġisem jew ilbies protettiv, manifatturati f'konformità ma' standards jew speċifikazzjonijiet militari, jew l-ekwivalenti, u komponenti maħsuba apposta għalihom; <i><u>Nota</u> Għall-finijiet ta' ML13.d.1., l-istandards jew l-ispeċifikazzjonijiet militari jinkludu, bħala minimu, speċifikazzjonijiet għal protezzjoni minn frammentazzjoni.</i> 2. Korazzi iebsa tal-ġisem li jipprovdu protezzjoni ballistika sal-livell III jew aktar (NIJ 0101.06, Lulju 2008) jew l-ekwivalenti nazzjonali.
------	--

	<u>Nota 1</u> <i>ML13.b. jinkludi materjali ddisinjati apposta sabiex jiffurmaw blindagġ reattiv għall-isplussivi jew sabiex jiġu mibnija xelters militari.</i> <u>Nota 2</u> <i>ML13.c. ma japplikax għal elmi tal-azzar konvenzjonali, la modifikati u lanqas iddisinjati biex jaċċettaw, u lanqas mġhammra bi kwalunkwe tip ta' apparat aċċessorju.</i> <u>Nota 3</u> <i>ML13.c. u d. ma japplikax għal elmi, korazzi tal-ġisem jew ilbies protettivi meta jkunu qed jakkumpanjaw l-utent tagħhom għall-protezzjoni personali tal-utent stess.</i> <u>Nota 4</u> <i>L-uniċi elmi ddisinjati apposta għal persunal responsabbli għar-rimi tal-bombi li huma speċifikati mill-ML13. huma daww iddisinjati apposta għall-użu militari.</i> <u>N.B. 1</u> <i>Ara wkoll l-entrata 1A005 fuq il-Lista ta' Użu Doppju tal-UE.</i> <u>N.B. 2</u> <i>Għal "materjali fibrużi jew filamentari" użati fil-manifattura ta' korazzi tal-ġisem u elmi, ara l-entrata 1C010 fil-Lista ta' Użu Doppju tal-UE.</i>
--	--

ML14	'Tagħmir speċjalizzat għal taħriġ militari, jew għas-simulazzjoni ta' xenarji militari, simulaturi ddisinjati apposta għal taħriġ fl-użu ta' kwalunkwe arma tan-nar jew arma kkontrollata minn ML1 jew ML2, u komponenti u aċċessorji ddisinjati apposta għalihom. <u>Nota Teknika</u> <i>It-terminu 'tagħmir speċjalizzat għal taħriġ militari' jinkludi tipi militari ta' trejners ta' attakk, ta' trejners ta' titjir operattiv, ta' trejners għall-bersall radar, ta' ġeneraturi ta' bersall radar, ta' apparati ta' taħriġ fl-isparar, ta' trejners għall-gwerra antisottomarini, ta' simulaturi tat-titjir (inklużi ċ-ċentrifugi previsti għall-bniedem, iddestinati għat-taħriġ ta' piloti/astronawti), ta' trejners radar, ta' simulaturi ta' titjir strumentali, ta' simulaturi ta' navigazzjoni, ta' simulaturi ta' tfigħ ta' missili, ta' tagħmir għall-bersall, ta' "inġenji tal-ajru" telegwidati, ta' trejners tal-armamenti, ta' trejners għall-gwida ta' " inġenji tal-ajru" mingħajr pilota, ta' unitajiet ta' taħriġ mobbli u ta' tagħmir tat-taħriġ għal operazzjonijiet militari tal-art.</i> <u>Nota 1</u> <i>ML14 jinkludi sistemi ta' ġenerazzjoni tal-immagħni u ta' ambjent interattiv għal simulaturi, meta ddisinjati jew modifikati apposta għall-użu militari.</i> <u>Nota 2</u> <i>ML14 ma japplikax għal tagħmir iddisinjat apposta għal taħriġ fl-użu ta' armi tal-kaċċa jew għall-isports.</i>
------	---

ML15	Tagħmir ta' immaġni jew kontromiżura, kif ġej, iddisinjat apposta għall-użu militari, u komponenti u aċċessorji ddisinjati apposta għalihom: a. Rekorders u tagħmir ta' pproċessar tal-immaġni; b. Kameras, tagħmir fotografiku u tagħmir għall-ipproċessar tal-pellicoli; c. Tagħmir għall-intensifikazzjoni tal-immaġni; d. Tagħmir għal immaġni bl-infra-aħmar jew għal immaġni termali; e. Tagħmir għall-elaborazzjoni tal-immaġni radar; f. Tagħmir ta' kontromiżura jew ta' kontro-kontromiżura, għat-tagħmir speċifikat minn ML15.a. sa ML15.e. <i><u>Nota</u> ML15.f. jinkludi tagħmir iddisinjat sabiex jiddegrada l-operat jew l-effettività tas-sistemi militari ta' immaġni jew sabiex inaqqas l-effetti ta' tali degradazzjoni.</i>
------	--

	<u>Nota</u> <i>ML15 ma japplikax għal "tubi intensifikaturi tal-immaġni tal-ewwel ġenerazzjoni" jew tagħmir iddisinjat apposta sabiex jinkorpora "tubu intensifikatur tal-immaġni tal-ewwel ġenerazzjoni".</i> <u>N.B.</u> <i>Għall-klassifikazzjoni ta' apparati ta' mira li jinkorporaw "tubi intensifikaturi tal-immaġni tal-ewwel ġenerazzjoni" ara ML1., ML2. u ML5.a.</i> <u>N.B.</u> <i>Ara wkoll l-entrati 6A002.a.2. u 6A002.b. fuq il-Lista ta' Użu Doppju tal-UE.</i>
--	---

ML16	Foroġ, forom u prodotti oħra mhux kompluti, iddisinjati apposta għal oġġetti speċifikat minn ML1 sa ML4, ML6, ML9, ML10, ML12 jew ML19. <i><u>Nota</u> ML16. japplika għal prodotti mhux kompluti meta jkunu identifikabbli mill-kompożizzjoni tal-materjal, il-ġeometrija jew il-funzjoni.</i>
------	--

ML17	Tagħmir, materjal u "libreriji" mixxellanji, kif ġej, u komponenti ddisinjati apposta għalihom: a. Apparat għall-għadis u għall-għawm taħt l-ilma, maħsuba jew modifikati apposta għall-użu militari, kif ġej: 1. Awtorespiraturi għall-għadis, b'ċirkwit magħluq jew nofsu magħluq; 2. Apparat għall-għawm taħt l-ilma ddisinjat apposta għall-użu mal-apparat tal-għadis speċifikat f'ML 17.a.1.; <i><u>N.B.</u> Ara wkoll 8A002.q. dwar il-Lista ta' Użu Doppju tal-UE.</i> b. Tagħmir tal-konstruzzjoni ddisinjat apposta għall-użu militari; c. Aċċessorji, kisjiet u trattamenti, għas-soppressjoni tas-senjatura, iddisinjati apposta għall-użu militari; d. Tagħmir għall-assistenza teknika fuq il-post iddisinjat apposta għall-użu f'żona ta' ġlied; e. "Robots", kontrulluri tar-"robots" u "apparati tat-tarf" tar-"robots", li jkollhom kwalunkwe waħda mill-karatteristiċi li ġejjin: 1. Iddisinjati apposta għall-użu militari; 2. Jinkorporaw mezzi għall-protezzjoni ta' linji idrawliċi kontra paċers ikkawżati minn frammenti ballistiċi (pereżempju, li jinkorporaw linji li awtosigillanti) u ddisinjati biex jużaw fluwidi idrawliċi b'punti ta' flaxx oġġla minn 839 K (566 °C); <u>jew</u> 3. Iddisinjati apposta jew klassifikati biex joperaw f'ambjent sottopost għal impulsi elettromanjetiċi (EMP); <i><u>Nota Teknika</u></i> <i>Impuls elettromanjetiku ma jirreferix għall-interferenza mhux intenzjonata kkawżata mir-radjazzjoni elettromanjetika minn tagħmir (pereżempju makkinarju, elettrodomestiċi jew tagħmir ta' elettronika) li jinsab fil-viċinanza jew minn sajjetti.</i>
------	---

	f. "Libreriji" ddisinjati apposta jew modifikati għall-użu militari b'sistemi, tagħmir jew komponenti, speċifikati mil-Lista Militari Komuni tal-UE; g. Tagħmir li jiġġenera enerġija nukleari jew tagħmir ta' propulsjoni, inkluż "reatturi nukleari", iddisinjati apposta għall-użu militari u komponenti għalihom iddisinjati jew 'modifikati' apposta għall-użu militari; h. Tagħmir jew materjal, miksi jew ittrattat għas-soppressjoni tas-senjatura, iddisinjat apposta għall-użu militari, minbarra dawk speċifikati xi mkien ieħor fil-Lista Militari Komuni tal-UE; i. Simulaturi ddisinjati apposta għal "reatturi nukleari" militari; j. Ħwienet tat-tiswija mobbli ddisinjati jew 'modifikati' apposta għall-manutenzjoni ta' tagħmir militari; k. Ġeneraturi ta' fuq il-post iddisinjati jew "modifikati" apposta għall-użu militari; l. Kontejners intermodali jew xassijiet tal-vetturi li jiżżarmaw (jiġifieri swap bodies) tal-istandard ISO, iddisinjati jew "modifikati" apposta għall-użu militari; m. Laneċ, minbarra dawk speċifikati xi mkien ieħor fil-Lista Militari Komuni tal-UE, pontijiet u pontuni, iddisinjati apposta għall-użu militari; n. Mudelli ta' ttestjar iddisinjati apposta għall-"iżvilupp" ta' oġġetti speċifikati minn ML4., ML6., ML9. jew ML10.; o. Tagħmir ta' protezzjoni mil-"laser" (pereżempju, protezzjoni tal-għajnejn u protezzjoni sensorjali) iddisinjat apposta għall-użu militari; p. "Ċelloli tal-karburant" minbarra dawk speċifikati xi mkien ieħor fil-Lista Militari Komuni tal-UE ddisinjati apposta jew 'modifikati' għall-użu militari. <u>Noti Tekniċi</u> 1. <i>Ma ntużatx minn wara l-2014.</i> 2. <i>Għall-fini ta' ML17, 'modifikat' tfisser kwalunkwe bidla strutturali, elettrika, mekkanika jew ta' tip ieħor li tipprovdi oġġett mhux militari b'kapaċitajiet ekwivalenti għal oġġett li huwa ddisinjat apposta għall-użu militari.</i>
--	--

ML18	Tagħmir u komponenti ta' 'produzzjoni', kif ġej: a. Tagħmir ta' 'produzzjoni' ddisinjat jew modifikat apposta għall-'produzzjoni' ta' prodotti speċifikati mil-Lista Militari Komuni tal-UE, u komponenti ddisinjati apposta għalih; b. Faċilitajiet ta' ttestjar ambjentali ddisinjati apposta jew tagħmir iddisinjat apposta għalihom, għaċ-ċertifikazzjoni, il-kwalifikazzjoni jew l-ittestjar ta' prodotti speċifikati mil-Lista Militari Komuni tal-UE. <u>Nota Teknika</u> <i>Għall-finijiet ta' ML18, it-terminu 'produzzjoni' jinkludi tfassil, eżami, manifattura, ittestjar u verifika.</i> <u>Nota</u> <i>ML18.a. u ML18.b. jinkludu t-tagħmir li ġej:</i> a. <i>Nitraturi kontinwi;</i> b. <i>Apparat jew tagħmir tal-ittestjar ċentrifugali li għandu kwalunkwe minn dawn li ġejjin:</i> 1. <i>Misjuq b'mutur jew muturi li għandu/hom potenza nominali totali ta' aktar minn 298 kW (400 hp);</i> 2. <i>Kapaċi jgħorr payload ta' 113 kg jew aktar; jew</i> 3. <i>Kapaċi jeżerċita aċċellerazzjoni ċentrifugali ta' 8 g jew aktar fuq tagħbija ta' 91 kg jew aktar;</i> c. <i>Pressi għad-deidratazzjoni;</i> d. <i>Ekstruders tal-viti ddisinjati jew modifikati apposta għal estrużjoni militari "splussiva";</i> e. <i>Magni li jaqtgħu għad-daqs ta' "propellanti" estrużi;</i> f. <i>Sweetie barrels (tumblers) ta' dijametru ta' 1,85 m jew aktar u li għandhom kapaċità tal-prodott 'il fuq minn 227 kg;</i>
------	---

		<i>g. Miksers kontinwi għal "propellanti" solidi;</i> <i>h. Imtieħen idrawliċi għat-tfarrik jew it-tħin tal-ingredjenti ta' "splussivi" militari;</i> <i>i. Tagħmir biex jinkisbu kemm l-isferiċità kif ukoll l-uniformità tal-partiċelli tat-trab metalliku elenkat f'ML8.c.8.;</i> <i>j. Konvertituri tal-kurrent ta' konvezzjoni għall-konverżjoni tal-materjali elenkati f'ML8.c.3.</i>
--	--	---

ML19	Sistemi ta' armi b'enerġija diretta (DEW), tagħmir relatat jew ta' kontromiżura u mudelli ta' ttestjar, kif ġej, u komponenti maħsuba apposta għalihom: - Sistemi "laser" iddisinjati apposta għall-qerda jew biex jisfrattaw il-missjoni tal-bersall; - Sistemi b'raġġi tal-partiċelli kapaċi li jeqirdu jew li jisfrattaw il-missjoni tal-bersall; - Sistemi b'qawwa għolja ta' Frekwenza Radju (RF) kapaċi li jeqirdu jew li jisfrattaw il-missjoni tal-bersall; - Tagħmir iddisinjat apposta biex isib jew jidentifika lil, jew biex jiddefendi minn, sistemi speċifikati minn ML19.a. sa ML19.c.; - Mudelli għal test fiżiku għas-sistemi, tagħmir u komponenti speċifikati minn dan ML19.; - Sistemi "laser" iddisinjati apposta biex jikkawżaw aġma permanenti lil viżjoni mhux meġhuna, jiġifieri lill-għajn mikxufa jew lill-għajn b'tagħmir li jikkoreġi l-vista. <i><u>Nota 1</u> Sistemi DEW speċifikati minn ML19 jinkludu sistemi li l-kapaċità tagħhom ġejja mill-applikazzjoni kontrollata ta':</i> <i>"Lasers" ta' qawwa suffiċjenti biex teffetwa distruzzjoni simili għall-mod ta' munizzjon konvenzjonali;</i> <i>Aċċelleraturi ta' partiċelli li jipproġettaw raġġ ta' partiċelli kkargati jew newtrali b'qawwa distruttiva;</i> <i>Trasmettitori ta' raġġ ta' frekwenza radju b'qawwa ta' pulsazzjoni għolja jew qawwa ta' medja għolja li jipproduċu kampi suffiċjentement intensi li jwaqqfu l-ħidma ta' ċirkwiti elettroniċi f'bersall imbiegħed.</i>
------	--

	<u>Nota 2</u> <i>MI19 jinkludi li ġej meta mfassal apposta għal sistemi DEW:</i> <i>a. Ġenerazzjoni tal-enerġija prima, ħżin ta' enerġija, isswiċċjar, kondizzjonament tal-enerġija jew tagħmir għall-maniġġ tal-karburant;</i> <i>b. Sistemi għal akkwist jew insewiment tal-bersall;</i> <i>c. Sistemi li kapaċi jivvalutaw il-ħsara, il-qerda tal-bersall jew l-isfrattu tal-missjoni tiegħu;</i> <i>d. Tagħmir għal maniġġar, propogazzjoni jew ippuntar tar-raġġi;</i> <i>e. Tagħmir b'kapaċità ta' tidwir malajr tar-raġġi għal operazzjonijiet rapidi b'bersalli multipli;</i> <i>f. Apparat ottiku adattiv u konjugaturi tal-fażi;</i> <i>g. Injettaturi tal-kurrent għal raġġi tal-joni negattivi tal-idroġenu;</i> <i>h. Komponenti ta' aċċelleratur "kwalifikat għall-ispazju";</i> <i>i. Tagħmir biex jillenbuta raġġ negattiv ta' joni;</i> <i>j. Tagħmir biex jikkontrolla u jdawwar malajr raġġ ta' joni ta' enerġija għolja;</i> <i>k. Fojls "kwalifikati għall-ispazju" biex jinnewtralizzaw raġġi ta' isotopi tal-idroġenu negattivi.</i>
--	--

ML20	Tagħmir krijoġeniku u "superkonduttiv", kif ġej, u komponenti u aċċessorji iddisinjati apposta għalih: a. Tagħmir iddisinjat apposta jew konfigurati biex ikun installat f'vettura għal applikazzjonijiet militari fuq l-art, fuq il-baħar, fl-ajru jew fl-ispazju, kapaċi li joperaw waqt li jkunu f'ċaqliq jew li jipproduċu jew iżommu temperaturi taħt il-103 K (- 170 °C); <i><u>Nota</u> ML20.a. jinkludi sistemi mobbli li jinkorporaw jew jużaw aċċessorji jew komponenti manifatturati minn materjali konduttivi non-metalliċi jew non-elettriċi, bħal plastiks jew materjali mimlijin bl-epossid.</i> b. Tagħmir elettriku "superkonduttiv" (makkinarju rotanti jew trasformaturi) iddisinjat jew konfigurati apposta biex ikun installat f'vettura għal applikazzjonijiet militari fuq l-art, fuq il-baħar, fl-ajru jew fl-ispazju, u li kapaċi jaħdem waqt li tkun miexja. <i><u>Nota</u> ML20.b. ma japplikax għal ġeneraturi omopolari ibridi ta' kurrent dirett li għandhom armaturi tal-metall normali b'lasta waħda li ddr f'kamp manjetiku prodott minn bobini superkonduttivi, jekk dawk il-bobini huma l-uniċi komponenti superkonduttivi fil-ġeneratur.</i>
------	--

ML21	"Software" kif ġej: a. "Software" iddisinjat apposta jew modifikat għal kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin: 1. "Żvilupp", "produzzjoni", operazzjoni jew manutenzjoni ta' tagħmir speċifikat mil-Lista Militari Komuni tal-UE; 2. "Żvilupp" jew "produzzjoni" ta' materjali speċifikati mil-Lista Militari Komuni tal-UE; jew 3. "Żvilupp", "produzzjoni", operazzjoni jew manutenzjoni ta' "software" speċifikat mil-Lista Militari Komuni tal-UE. b. "Software" speċifiku, minbarra dak speċifikat minn ML21.a., kif ġej: 1. "Software" iddisinjat apposta għal użu militari u maħsub apposta għall-immudellar, is-simulazzjoni jew l-evalwazzjoni ta' sistemi ta' armi militari; 2. "Software" iddisinjat apposta għal użu militari u ddisinjat apposta għall-immudellar jew is-simulazzjoni ta' xenarji operazzjonali militari; 3. "Software" għad-determinazzjoni tal-effetti ta' armi konvenzjonali, nukleari, kimiċi jew bijoloġiċi; 4. "Software" ddisinjat apposta għall-użu militari u ddisinjat apposta għal Kmand, Kommunikazzjonijiet, Kontroll u Intelligence (C3I) jew applikazzjonijiet ta' Kmand, Kommunikazzjonijiet, Kontroll, Kompjuter u Intelligence (C4I); c. "Software", mhux speċifikat minn ML21.a. jew ML21.b., iddisinjat apposta jew modifikat biex jippermetti li tagħmir mhux speċifikat mil-Lista Militari Komuni tal-UE biex jaqdi l-funzjonijiet militari ta' tagħmir speċifikat mil-Lista Militari Komuni tal-UE.
------	---

ML22	"Teknoloġija", kif ġej: a. "Teknoloġija" barra minn dik speċifikata f'ML22.b., li hija "meħtieġa" għall-"iżvilupp", il-"produzzjoni", l-operazzjoni, l-installazzjoni, il-manutenzjoni (verifika), it-tiswija, it-tiġdid maġġuri jew l-arranġament mill-ġdid ta' oġġetti speċifikati mil-Lista Militari Komuni tal-UE; b. "Teknoloġija", kif ġej: 1. "Teknoloġija" "meħtieġa" għad-disinn ta', l-għaqda ta' komponenti fi, u l-operazzjoni, żamma fl-ordni u tiswija ta' installazzjonijiet ta' produzzjoni kompluti għal oġġetti speċifikati fil-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea, anke jekk il-komponenti ta' dawn l-installazzjonijiet ta' produzzjoni ma jkunux speċifikati; 2. "Teknoloġija" "meħtieġa" għall-"iżvilupp" u l-"produzzjoni" ta' armamenti żgħar anke jekk użati biex jipproduċu riproduzzjonijiet ta' armamenti żgħar ta' antikità; 3. Ma ntużax minn wara l-2013; <i>N.B. Ara ML22.a. għal "teknoloġija" preċedement speċifikata minn ML22.b.3.</i> 4. Ma ntużax minn wara l-2013; <i>N.B. Ara ML22.a. għal "teknoloġija" preċedement speċifikata minn ML22.b.4.</i> 5. "Teknoloġija" "meħtieġa" esklużivament għall-inkorporazzjoni ta' "bijokatalisti", speċifikata minn ML7.i.1., f'sustanzi ta' ġarr militari jew materjal militari.
------	---

	<u>Nota 1</u> <i>"Teknoloġija" "meħtieġa" għall-"iżvilupp", il-"produzzjoni" jew l-operazzjoni, l-installazzjoni, il-manutenzjoni (verifika), it-tiswija, it-tiġdid maġġuri jew l-arranġament mill-ġdid ta' oġġetti speċifikati fil-Lista Militari Komuni tal-UE tibqa' taħt kontroll anke meta applikabbli għal kwalunkwe oġġett mhux speċifikat mil-Lista Militari Komuni tal-UE.</i> <u>Nota 2</u> <i>ML22 ma japplikax għal:</i> a. <i>"Teknoloġija" li hija l-minimu meħtieġ għall-installazzjoni, operazzjoni, żamma fl-ordni (iċċekkjar) jew tiswija ta' dawg l-oġġetti li ma humiex ikkontrollati jew li l-esportazzjoni tagħhom ġiet awtorizzata;</i> b. <i>"Teknoloġija" li hija "fl-isfera pubblika", "riċerka xjentifika bażika" jew l-informazzjoni minima meħtieġa għal applikazzjonijiet ta' brevett;</i> c. <i>"Teknoloġija" għal induzzjoni manjetika għal propulsjoni kontinwa ta' tagħmir ta' trasport ċivili.</i>
--	---

DEFINIZZJONIJIET TA' TERMINI UŻATI F'DIN IL-LISTA

Dawn li ġejjin huma definizzjonijiet ta' termini użati f'din il-Lista, f'ordni alfabetiku.

Nota 1 *Id-definizzjonijiet japplikaw matul il-Lista kollha. Ir-referenzi huma biss konsultattivi u ma għandhom l-ebda effett fuq l-applikazzjoni universali ta' termini definiti matul il-Lista kollha.*

Nota 2 *Il-kliem u t-termini li jinsabu f'din il-Lista ta' Definizzjonijiet jieħdu biss it-tifsira definita fejn din hija indikata billi jkunu "bejn virgoletti doppji". Definizzjonijiet ta' termini bejn 'virgoletti uniċi' huma mogħtija f'nota Teknika għall-punt rilevanti. F'istanzi oħrajn, il-kliem u t-termini jieħdu t-tifsiriet aċċettati komunement (dizzjunarju).*

ML8	"Addittivi"
	Sustanzi użati f'formulazzjonijiet splussivi biex itejbu l-proprietajiet tagħhom.
ML7	"Aġenti bijoloġiċi"
	Patoġeni jew tossini, magħżula jew modifikati (bħal alterazzjoni fil-purità, ħajja fuq l-ixkaffa, virulenza, karatteristiċi disseminattivi, jew reżistenza għal radjazzjoni UV) sabiex jipproduċu vittmi umani jew annimali, jiddegradaw it-tagħmir jew jagħmlu ħsara lill-uċuh tar-raba' jew lill-ambjent.
ML7	"Aġenti għall-kontroll tal-irvellijiet"
	Sustanzi li, taħt il-kondizzjonijiet mistennijin tal-użu għal finijiet ta' kontroll tal-irvellijiet, jipproduċu rapidament fil-bnedmin irritazzjoni tas-sensi jew effetti fiżiċi li jiddiżabilitaw li jitolqu fi żmien qasir wara t-terminazzjoni tal-espożizzjoni. (Il-gassijiet tad-dmugħ huma subsett ta' "aġenti għall-kontroll tal-irvellijiet".)

ML17	"Apparati tat-tarf" Ħattafa, 'unitajiet attivi ta' għodda' u kull għodda oħra li hija magħquda mal-pjanċa fit-tarf ta' driegħ manipulator ta' "robot". <u>Nota Teknika</u> <i>'Unitajiet attivi ta' għodda' huma apparat biex tkun applikata qawwa motiva, proċessar ta' enerġija jew sensitizzazzjoni lil oġġett li qiegħed isir xogħol fuqu.</i>
ML 1	"Armi tan-nar diżattivati" Arma tan-nar li għamluha inkapaċi li tispara kwalunkwe proġettile permezz ta' proċessi definiti mill-awtorità nazzjonali tal-Istat Membru tal-UE jew ta' Stat Parteċipanti fil-Ftehim ta' Wassenaar. Dawn il-proċessi jimmodifikaw b'mod permanenti l-elementi essenzjali tal-arma tan-nar. Skont il-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali, id-diżattivazzjoni tal-arma tan-nar tista' tiġi attestata b'ċertifikat maħruġ minn awtorità kompetenti u jista' jiġi mmarkat permezz ta' timbru fuq parti essenzjali tal-arma tan-nar.
ML7, 22	"Bijokatalisti" 'Enzimi' għal reazzjonijiet kimiċi jew bijokimiċi speċifiċi jew komposti bijoloġiċi oħrajn li jingħaqdu ma' u jaċċelleraw id-degradazzjoni ta' aġenti kimiċi tal-gwerra. <u>Nota Teknika</u> <i>'Enzimi' tfisser "bijokatalisti" għal reazzjonijiet kimiċi jew bijokimiċi speċifiċi.</i>

ML7	"Bijopolimeri" Makromolekuli bijoloġiċi kif ġej: - Enzimi għal reazzjonijiet kimiċi jew bijokimiċi speċifiċi; 'Antikorpi' 'anti-idjotipiċi', 'monoklonali' jew 'poliklonali'; 'Riċetturi' ddisinjati apposta jew speċjalment ipproċessati. <u>Noti Tekniċi</u> <i>'Antikorpi anti-idjotipiċi' tfisser antikorpi li jingħaqdu mas-siti ta' għaqda ta' antigen speċifiku ta' antikorpi oħrajn;</i> <i>'Antikorpi monoklonali' tfisser proteini li jingħaqdu ma' sit antigeniku wieħed u huma prodotti minn klonu singolu ta' ċelloli;</i> <i>'Antikorpi poliklonali' tfisser taħlita ta' proteini li jingħaqdu ma' sit antigeniku speċifiku u huma prodotti minn aktar minn klonu wieħed ta' ċelloli;</i> <i>'Riċetturi' tfisser strutturi makromolekulari bijoloġiċi kapaċi li jgħaqqdu l-ligands, u din l-għaqda taffetwa funzjonijiet fiżjoloġiċi.</i>
ML 17	"Ċellola tal-karburant" Tagħmir elettrokimiku li jikkonverti l-enerġija kimika direttament f'Elettriku ta' Kurrent Dirett (DC), bil-konsum ta' karburant minn sors estern.

ML 10		"Dirigibili" Vettura li ttir bil-magni u li żżomm fl-arja permezz ta' gass (ġeneralment l-elju, preċedentement l-idroġenu) li huwa eħfef mill-arja.
ML22		"Fl-isfera pubblika" Din tfisser "teknoloġija" jew "software" li huma disponibbli mingħajr restrizzjonijiet għal aktar disseminazzjoni. <i>Nota: Restrizzjonijiet tad-drittijiet tal-awtur ma jneħħux lit-"teknoloġija" jew "software" milli jibqgħu "fl-isfera pubblika".</i>
ML8, 10, 14		"Inġenji tal-ajru" Vettura li ttir bi ġwienaħ fissi, ġwienaħ b'ġeometrija varjabbli, ġwienaħ li jduru (ħelikopter), rotor li jista' jinklina jew ġwienaħ li jinklinaw.
ML4, 10		"Inġenju tal-Ajru Ċivili" Dawk l-"inġenji tal-ajru" elenkati skont id-disinjazzjoni f'listi ta' ċertifikazzjoni ta' ajrunavigabbiltà ppubblikati mill-awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri tal-UE jew Stati Parteċipanti tal-Ftehim ta' Wassenaar biex itiru fuq rotot ċivili kummerċjali interni u esterni jew għal użu leġittimu ċivili, privat jew kummerċjali.

ML 11		"Inġenji spazjali" Satelliti u inġenji spazjali fuq missjoni ta' tiftix attivi u passivi.
ML19		"Kwalifikat għall-ispazju" Iddisinjat, manifatturat, jew kwalifikat permezz ta' testijiet b'suċċess, għall-operazzjoni f'għoli ta' aktar minn 100 km 'il fuq mill-wiċċ tad-dinja. Nota Deċiżjoni li oġġett speċifiku jkun "kwalifikat għall-ispazju" permezz ta' testijiet ma tfissirx li oġġetti oħra fl-istess linja ta' produzzjoni jew sensiela ta' mudelli jkunu "kwalifikati għall-ispazju" jekk ma jkunux ġew ittestjati individwalment.
ML9, 19		"Lejżer" Oġġett li jipproduċi dawl koerenti fl-ispazju u fil-ħin permezz ta' amplifikazzjoni b'emissjoni stimolata ta' radjazzjoni
ML 17		"Librerija" (database teknika parametrika) Ġabra ta' informazzjoni teknika, li referenza għaliha tista' ttejjeb il-prestazzjoni ta' sistemi, tagħmir jew komponenti rilevanti.

ML 8		"Materjali enerġetiċi" Sustanzi jew taħlit li jirreaġixxu kimikament biex joħorġu enerġija rikjesta għall-applikazzjoni intenzjonata tagħhom. "Splussivi", "pirotekniċi" u "propellanti" huma subklassijiet ta' materjali enerġetiċi.
ML13		"Materjali fibrużi jew bil-filamenti" Jinkludu: a. Monofilamenti kontinwi; b. Nisġiet u rovings kontinwi; c. Tapes, tessuti, tapiti żgħar random u malji; d. Fibri mqattgħin, fibri staple u kutri koerenti tal-fibra; e. Whiskers, jew monokristallini jew polikristallini, ta' kwalunkwe tul; f. Polpa poliammid aromatiku.
ML22		"Meħtieġ" Kif applikata għal "teknoloġija", tirreferi biss għal dak il-porzjon ta' "teknoloġija" li huwa partikolarment responsabbli biex jilħaq jew jeċċedi l-livelli kontrollati ta' eżekuzzjoni, karatteristiċi jew funzjonijiet. "Teknoloġija" "rikjesta" bħal din tista' tkun kondiviża bejn prodotti differenti.
ML 21		"Mikroprogramm" Sekwenza ta' struzzjonijiet elementari li jinżammu f'ħażna speċjali, li l-eżekuzzjoni tagħhom tibda bl-introduzzjoni tal-istruzzjoni ta' referenza tagħha f'reġistru ta' struzzjonijiet.
ML4, 8		"Pirotekniku/ċi" Taħlit ta' karburanti solidi jew likwidi u ossidaturi li, meta jitqabbdu, jgħaddu minn reazzjoni enerġetika qawwija b'rata kontrollata intenzjonati biex jipproduċu dewmien speċifiċi fil-ħin, jew kwantitajiet ta' sħana, storbu, duħħan, dawl viżibbli jew radjazzjoni infra-ħamra. Il-piroforiċi huma subklassi tal-pirotekniċi, li ma jinkludux ossidanti iżda jaqbd u spontanament mal-kuntatt mal-arja.
ML8		"Prekursuri" Kimiċi ta' speċjalità użati fil-manifattura ta' splussivi.

ML18, 21, 22	"Produzzjoni"	Tfisser l-istadji kollha tal-produzzjoni, bħal: l-inġinerija, il-manifattura, l-integrazzjoni, l-assemblaġġ (immuntar), l-ispezzjoni, l-ittestjar, l-iżgurar tal-kwalità ta' prodott.
ML 21	"Programm"	Sekwenza ta' struzzjonijiet sabiex jitwettaq jew jiġi kkonvertit proċess f'forma eżegwibbli minn kompjuter elettroniku.
ML8	"Propellanti"	Sustanzi jew taħlit li jirreaġixxu kimikament biex jipproduċu volumi kbar ta' gassijiet jaħarqu f'rati kontrollati biex iwettqu xogħol mekkaniku.
ML17	"Reattur nukleari"	Jinkludi l-oġġetti fi jew imwaħħlin direttament ma' reċipjent reattur, it-tagħmir li jikkontrolla l-livell ta' qawwa fil-qalba, u l-komponenti li normalment fihom jew jiġu f'kontatt dirett ma' jew jikkontrollaw il-likwidu għat-tkessiħ primarju tal-qalba tar-reattur.
ML22	"Riċerka xjentifika bażika"	Xogħol sperimentali jew teoriku magħmul prinċipalment biex jintlaħaq tagħrif ġdid tal-prinċipji fundamentali ta' fenomeni jew fatti osservabbli, mhux primarjament dirett lejn skop Prattiku jew objettiv speċifiku.

ML17	"Robot" Mekkaniżmu għal manipulazzjoni, li jista' jkun tal-varjetà mogħdija kontinwa (continuous path) jew punt-għal-punt, jista' juża sensuri, u għandu l-karatteristiċi kollha li ġejjin: - Huwa multifunzjonali; - Huwa kapaċi li jippożizzjona jew jorjenta materjal, partijiet, għodod jew tagħmir speċjali permezz ta' movimenti varjabbli fi spazju tridimensjonali; - Jinkorpora tliet servo-apparati, jew aktar, b'ċirkwit magħluq jew miftuħ, li jistgħu jinkludu muturi ta' pass pass (stepping); <u>u</u> - Għandu "programmabbiltà aċċessibbli għall-utent" permezz tal-metodu għallem/irrepeti jew permezz ta' kompjuter elettroniku li jista' jkun kontrollur tal-loġika programmabbli, jiġifieri mingħajr intervent mekkaniku. "aċċess għal utent programmata" tfisser il-faċilità li tawtorizza lill-utent biex idaħħal, jimmodifika jew jissostitwixxi "programmi" b'metodi barra: - Bidla fiżika fil-wajering jew l-interkonnnessjonijiet; jew - L-issettjar tal-funzjonijiet ta' kontroll li jinkludu d-dħul ta' parametri. <u>Nota</u> <i>Id-definizzjoni ta' hawn fuq ma tinkludix l-apparati li ġejjin:</i> <i>Mekkaniżmi ta' manipulazzjoni li huma kontrollabbli biss manwalment jew permezz ta' teleoperatur;</i> <i>Mekkaniżmi ta' manipulazzjoni b'sekwenza fissa li huma tagħmir li jiċċaqilaq awtomatizzat, li jaħdmu skont movimenti programmati ffissati mekkanikament. Il-programm huwa limitat mekkanikament b'waqfiet iffissati, bħal pinnijiet jew kammijiet. Is-sekwenza ta' ċaqliq u s-selezzjoni tal-mogħdijiet jew angoli mhumieq varjabbli u ma jistgħux jinbidlu b'mezzi mekkaniċi, elettroniċi jew elettriċi;</i>
------	--

		3. <i>Mekkaniżmi ta' manipulazzjoni ta' sekwenza varjabbli mekkanikament ikkontrollata li huma tagħmir awtomatizzat li jiċċaqilaq, li joperaw skont movimenti programmati li huma ffixxati mekkanikament. Il-programm huwa mekkanikament limitat b'waqfiet fissi iżda aġġustabbli, bħal pinnijiet jew kammijiet. Is-sekwenza tal-movimenti u l-għażla tal-mogħdijiet jew l-angoli huma varjabbli fil-limiti tad-disinn tal-programm fiss. Varjazzjonijiet jew modifiki tad-disinn tal-programm (eż., bidliet tal-pinnijiet jew skambji ta' kammijiet) f'waħda mill-assi taċ-ċaqliq jew aktar jitwettqu biss permezz ta' operazzjonijiet mekkaniċi;</i> 4. <i>Mekkaniżmi ta' manipulazzjoni ta' sekwenza varjabbli mhux servo-kontrollati li huma tagħmir awtomatizzat li jiċċaqilaq, li joperaw skont movimenti programmati ffixxati mekkanikament. Il-programm huwa varjabbli iżda s-sekwenza tipproċedi biss bis-sinjal binarju minn tagħmir binarju elettriku ffixsat mekkanikament jew b'waqfiet aġġustabbli;</i> 5. <i>Krejnijiet stacker definiti bħala sistemi għall-manipulazzjoni tal-koordinati Kartesjani manifatturati bħala parti integrali ta' firxa vertikali ta' tankijiet għall-ħażna u ddisinjati biex jaċċessaw il-kontenuti ta' dawn it-tankijiet għal ħażna jew ġbir.</i>
--	--	---

ML11	"Sistemi awtomatizzati ta' kmand u kontroll" Sistemi elettroniċi, li permezz tagħhom informazzjoni li hija essenzjali għall-operat effettiv tar-raggruppament, il-formazzjoni maġġuri, il-formazzjoni tattika, l-unità, il-bastiment, is-sotto-unità jew l-armi kkmandati tiddaħħal, tiġi pproċessata jew tiġi trasmessa. Dan jinkiseb permezz tal-użu ta' hardware tal-kompjuter u hardware ieħor iddisinjat biex jappoġġa l-funzjonijiet ta' organizzazzjoni militari ta' kmand u kontroll. Il-funzjonijiet ewlenin ta' sistema awtomatizzata ta' kmand u kontroll huma: il-ġbir awtomatizzat, il-kumulazzjoni, il-ħażna u l-ipproċessar effiċjenti ta' informazzjoni; il-preżentazzjoni tas-sitwazzjoni u ċ-ċirkostanzi li jaffettwaw it-tnejn u t-tweġġ ta' operazzjonijiet ta' ġlied; kalkoli operazzjonali u tattiċi għall-allokazzjoni ta' riżorsi fost ir-raggruppamenti tal-forza jew l-elementi tal-ordni operazzjonali tal-battalja jew l-iskjerament fil-battalja skont il-missjoni jew il-fażi tal-operazzjoni; it-tnejn ta' data għall-valutazzjoni tas-sitwazzjoni u t-teħid ta' deċiżjonijiet fi kwalunkwe stadju matul l-operazzjoni jew il-battalja; is-simulazzjoni ta' operazzjonijiet permezz tal-kompjuter.
ML21	"Softwer" Kollezzjoni ta' wieħed jew aktar "programmi" jew "mikroprogrammi" delimitati fi kwalunkwe medju tanġibbli ta' espressjoni.
ML8, 18	"Splussivi" Sustanzi solidi, likwidi jew bħala gass jew taħlit ta' sustanzi li, fl-applikazzjoni tagħhom primarjament bħala karga primarja, booster jew prinċipali f'applikazzjoni ta' testata, f'applikazzjoni għat-twaqqiġ jew applikazzjonijiet oħrajn, huma meħtieġa li jiddetonaw.

ML20	"Superkonduttiv" Jirreferi għal materjali (jiġifieri metalli, liġi jew komposti) li jistgħu jitlef r-reżistenza elettrika kollha (jiġifieri li jistgħu jilhqqu konduttività elettrika infinita u jgħorru kurrenti elettriċi kbar b'hekk mingħajr sħana Joule). "Temperatura kritika"(xi kultant nirreferu għaliha bħala t-temperatura ta' transizzjoni) ta' materjal "superkonduttiv" speċifiku t'fisser it-temperatura li fiha l-materjal jitlef ir-reżistenza kollha għall-fluss ta' kurrent elettriku dirett. <u>Nota Teknika</u> <i>L-istat "superkonduttiv" ta' materjal huwa karatterizzat individwalment</i> <i>b'"temperatura kritika", kamp manjetiku kritiku, li huwa funzjoni tat-temperatura, u densità ta' kurrent kritika li hija, madankollu, funzjoni kemm tal-kamp manjetiku kif ukoll tat-temperatura.</i>
ML22	"Teknoloġija" Informazzjoni speċifika meħtieġa għall-"iżvilupp", il-"produzzjoni" jew l-operazzjoni, l-installazzjoni, il-manutenzjoni (verifika), it-tiswija, it-tiġdid magħgħuri jew l-arranġament mill-ġdid ta' prodott. L-informazzjoni tiegħi l-għamla ta' 'data teknika' jew 'assistenza teknika'. "Teknoloġija" speċifika għal-Lista Militari Komuni tal-UE hija definita f'ML22. <u>Noti Tekniċi</u> <i>1. 'Data teknika' tista' tiegħi forom bħal blueprints, pjanijiet, dijagrammi, mudelli, formoli, tabelli, disinni u speċifikazzjonijiet tal-inġinerija, manwali u struzzjonijiet bil-miktub jew irrekordjati fuq mezzi tal-informazzjoni oħrajn jew tagħmir bħal diski, tejp, u memorji li jinqraw-biss (ROMs).</i> <i>2. 'Assistenza teknika' tista' tiegħi l-forom bħal istruzzjoni, ħiliet, taħriġ, tagħrif tax-xogħol, servizzi ta' konsulenza. 'Assistenza teknika' tista' tinvolvi t-trasferiment ta' 'data teknika'.</i>
ML15	"Tubi intensifikaturi tal-immagħni tal-ewwel ġenerazzjoni" Tubi ffokati elettrostatikament, li jużaw fibre optic jew pjanċi b'wiċċ tal-ħġieġ għad-dħul u l-ħruġ, fotokatodi multialkalini (S-20 jew S-25), imma mhux amplifikaturi bi pjanċa mikrokanali.

ML7		"Vektors ta' espressjoni" Ġarriera (eż. plasmid jew virus) użati biex ikun introdott materjal ġenetiku f'ċelloli ospiti.
ML10		"Vetturi-eħfef-mill-arja" Balloons u "dirigibili" li jiddependu fuq arja sħuna jew gassijiet eħfef mill-arja bħal elju jew idroġenu biex jitilgħu.
ML10		"Vettura tal-ajru mingħajr ekwipaġġ" ("UAV") Kwalunkwe "inġenju tal-ajru" li jista' jibda titjira u jsostni t-titjira u n-navigazzjoni taħt kontroll mingħajr l-ebda preżenza umana abbord.
ML17 21, 22		"Żvilupp" Huwa relatat tal-istadji kollha qabel il-produzzjoni serjali, bħal: disinn, riċerka dwar disinn, analiżi tad-disinn, kunċetti tad-disinn, l-immontar u l-ittestjar ta' prototipi, skemi ta' produzzjoni ta' piloti, data tad-disinn, il-proċess tat-trasformazzjoni ta' data tad-disinn fi prodott, disinn ta' konfigurazzjoni, disinn ta' integrazzjoni, l-arranġamenti skont pjan.
